

Brussell, 22 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11674/26
ADD 19

FREMP 239
JAI 965
AG 114
POLGEN 189

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2026) 918 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI Rapport tal-2026 dwar l-Istat tad-Dritt Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta Li jakkumpanja d-dokument Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Rapport tal-2026 dwar l-Istat tad-Dritt Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument SWD(2026) 918 final.

Mehmuż: SWD(2026) 918 final



Brussell, 17.7.2026
SWD(2026) 918 final

Rapport tal-2026 dwar l-Istat tad-Dritt
Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta

Li jakkumpanja d-dokument

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni

Rapport tal-2026 dwar l-Istat tad-Dritt Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea

{COM(2026) 900 final}	- {SWD(2026) 901 final}	- {SWD(2026) 902 final}	-
{SWD(2026) 903 final}	- {SWD(2026) 904 final}	- {SWD(2026) 905 final}	-
{SWD(2026) 906 final}	- {SWD(2026) 907 final}	- {SWD(2026) 908 final}	-
{SWD(2026) 909 final}	- {SWD(2026) 910 final}	- {SWD(2026) 911 final}	-
{SWD(2026) 912 final}	- {SWD(2026) 913 final}	- {SWD(2026) 914 final}	-
{SWD(2026) 915 final}	- {SWD(2026) 916 final}	- {SWD(2026) 917 final}	-
{SWD(2026) 919 final}	- {SWD(2026) 920 final}	- {SWD(2026) 921 final}	-
{SWD(2026) 922 final}	- {SWD(2026) 923 final}	- {SWD(2026) 924 final}	-
{SWD(2026) 925 final}	- {SWD(2026) 926 final}	- {SWD(2026) 927 final}	-
{SWD(2026) 928 final}	- {SWD(2026) 929 final}	- {SWD(2026) 930 final}	-
	{SWD(2026) 931 final}		

RIASSUNT

F'Malta, beda l-kariga Kummissarju għall-Istandards tal-Ġudikatura ġdid. Filwaqt li d-dibattitu politiku dwar il-ħatra tal-Prim Imħallef għadu għaddej, ir-riformi biex il-ġudikatura tkun involuta fil-proċess għadhom pendenti. Ir-riformi biex tissaħħaħ l-indipendenza tat-tribunali speċjalizzati qed javvanzaw. Minkejja r-reklutaġġ tal-persunal u l-espansjoni tal-bini tal-qorti li għaddejjin bħalissa, għad hemm il-ħtieġa għal żieda fir-riżorsi għall-ġudikatura. Ir-reklutaġġ tal-prosekuturi kompli, bl-għadd ta' prosekuzzjonijiet jiżdied. Riforma tal-Att dwar l-Avukati għadha pendenti. Il-qafas għat-taħriġ ġudizzjarju jista' jittejjeb. L-investimenti fid-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja qed javvanzaw b'pass limitat, u għadd ta' sistemi għad iridu jiġu implimentati. Ġew adottati riformi biex itejbu l-ispeċjalizzazzjoni tal-qrati, inkluż it-twaqqif ta' Qorti Kummerċjali u riforma tal-Qorti tal-Familja. L-inizjattivi biex jitħaffu l-proċeduri tal-qorti għadhom pendenti. It-tul tal-proċedimenti għadu ta' tħassib.

Il-biċċa l-kbira tal-azzjonijiet taħt l-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Frodi u l-Korruzzjoni tlestew, u l-awtoritajiet qed iħejju strateġija ġdida. Il-Pulizija u l-Avukat Ġenerali komplew iżidu r-riżorsi tagħhom u fetħu investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet ġodda f'każijiet ta' korruzzjoni, filwaqt li għad irid jinkiseb rekord robust ta' sentenzi finali. Il-kapaċità tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni li tikkontribwixxi b'mod effettiv għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni għadha limitata. It-taħriġ dwar l-integrità għas-servizz pubbliku kompli jingħata u l-pulizija adottat strateġija korporattiva għas-snin 2025 sal-2030. Għad trid tittieħed azzjoni biex jittejjeb il-qafas kumplessiv tal-etika tal-amministrazzjoni pubblika. Riforma tad-dikjarazzjonijiet tal-assi u tal-interessi għall-Membri Parlamentari u għall-Ministri għadha pendenti. Beda jopera portal diġitali għall-ipproċessar tar-rapporti dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta. Malta adottat emendi leġiżlattivi dwar l-ġoti taċ-ċittadinanza, wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE. Ir-riżorsi għall-istituzzjonijiet tal-awditjar żdiedu aktar u l-uffiċjali inkarigati mill-offerti issa huma meħtieġa jiddikjaraw kull kunflitt ta' interess, filwaqt li għad trid tittieħed azzjoni biex tiġi mmitigata b'mod effettiv il-korruzzjoni f'setturi b'riskju għoli bħall-akkwist pubbliku.

Ġiet adottata leġiżlazzjoni li tipprovdi lir-regolatur tal-media b'kompetenzi ġodda u li ssaħħaħ ċerti aspetti tal-governanza indipendenti tal-media tas-servizz pubbliku, filwaqt li għad hemm xi sfidi. Bdiet topera sistema integrata ta' ġestjoni elettronika, imfassla biex ittejjeb l-ipproċessar, l-aċċessibbiltà u t-trasparenza tat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti. Filwaqt li ġew introdotti ċerti salvagwardji fir-rigward tal-protezzjoni tas-sorsi u tal-komunikazzjonijiet kunfidenzjali, tal-protezzjoni mis-sorveljanza u ta' projbizzjoni fuq software ta' sorveljanza intrużiv, ir-riformi leġiżlattivi biex tittejjeb il-protezzjoni tal-libertà tal-media u tal-ambjent tax-xogħol tal-ġurnalisti għadhom pendenti.

Ittieħdu xi passi limitati biex jiġi stabbilit qafas formali għall-parteċipazzjoni pubblika fil-proċess leġiżlattiv. Istituzzjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll qafas regolatorju għas-soċjetà ċivili, għad iridu jiġu stabbiliti; il-Gvern ħabbar li ż-żewġ riformi se jiġu ttrattati bħala prijorità politika fil-Leġiżlatura l-ġdida.

RAKKOMANDAZZJONIJIET

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt, filwaqt li tqis żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza u minbarra li tiftakar fl-impenji rilevanti li saru skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż skont is-Semestru Ewropew dwar l-effiċjenza tas-sistema tal-ġustizzja, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Ma sar l-ebda progress ulterjuri dwar ir-riforma mressqa biex il-ġudikatura tiġi involuta fil-proċedura għall-ħatra tal-Prim Imħallef, waqt li d-dibattitu politiku kompli. Peress li r-riforma għadha pendent, huwa rrakkomandat li Malta *tmexxi 'l quddiem ir-riformi bil-għan li tinvolvi l-ġudikatura fil-proċedura għall-ħatra tal-Prim Imħallef, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-ħatriet ġudizzjarji.*
- Ma sar l-ebda progress ulterjuri dwar iż-żieda fl-isforzi biex tittejjeb l-effiċjenza tal-ġustizzja, partikolarment biex jitnaqqas it-tul tal-proċedimenti, li għadu ta' tħassib. Għalhekk, huwa rrakkomandat li Malta *tmexxi 'l quddiem inizjattivi biex iżżid ir-riżorsi, tirriforma l-proċeduri tal-qorti, u tavvanza d-diġitalizzazzjoni bil-għan li ttejjeb l-effiċjenza tal-ġustizzja.*
- Sar progress limitat biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mat-tul tal-investigazzjonijiet ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, waqt li l-Pulizija u l-Avukat Ġenerali komplew iżidu r-riżorsi tagħhom u nedew investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet ġodda. Ma sar l-ebda progress biex jiġi stabbilit rekord robust ta' sentenzi finali fid-dawl tal-ammont kbir ta' kawżi pendent fil-qorti, l-ammont ta' xogħol tal-imħallfin u t-tim limitat ta' erba' maġistrati li jitrattaw inkjesti preliminari. Għalhekk, huwa rrakkomandat li Malta *żżid l-isforzi biex tindirizza l-isfidi relatati mat-tul tal-investigazzjonijiet ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, u li tistabbilixxi rekord robust ta' sentenzi finali.*
- Sar progress limitat fl-adozzjoni ta' salvagwardji leġiżlattivi ulterjuri u oħrajn biex jittejjeb l-ambjent tax-xogħol tal-ġurnalisti, inkluż dwar l-aċċess għal dokumenti uffiċjali, fid-dawl ta' konsultazzjoni pubblika li twettqet u sistema ta' ġestjoni elettronika li saret operazzjonali. Peress li l-isfidi jippersistu, huwa rrakkomandat li Malta *tadotta salvagwardji leġiżlattivi biex ittejjeb l-ambjent tax-xogħol tal-ġurnalisti u l-aċċess għad-dokumenti, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u dwar l-aċċess għal dokumenti uffiċjali.*
- Sar progress limitat fl-introduzzjoni ta' qafas formali għall-parteċipazzjoni pubblika fil-proċess leġiżlattiv, hekk kif il-Gvern stabbilixxa Dipartiment tal-Konsultazzjoni Pubblika. Peress li r-riformi leġiżlattivi għadhom pendent, huwa rrakkomandat li Malta *tintroduċi qafas formali għall-parteċipazzjoni pubblika fil-proċess leġiżlattiv.*
- Ma sar l-ebda progress biex jittieħdu miżuri biex tiġi stabbilita Istituzzjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem b'kont meħud tal-Prinċipji ta' Pariġi tan-NU, peress li għadu qed jitħejja abbozz ta' liġi. Għalhekk, huwa rrakkomandat li Malta *tistabbilixxi Istituzzjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem b'kont meħud tal-Prinċipji ta' Pariġi tan-NU.*

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet l-oħra tal-2025, il-Kummissjoni tikkonkludi li:

- Sar xi progress fit-tisħiħ tar-regoli u tal-mekkaniżmi biex tittejjeb il-governanza indipendenti u l-indipendenza editorjali tal-media tas-servizz pubbliku b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-media tas-servizz pubbliku, fid-dawl tal-promulgazzjoni ta' leġislazzjoni li tindirizza ċerti aspetti ta' din il-kwistjoni. Minħabba li s-suġġetti ta' din ir-rakkomandazzjoni huma koperti mid-dispożizzjonijiet tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA), filwaqt li r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt se jkompli jimmonitorja żviluppi sinifikanti u jirrapporta dwar l-impatt tagħhom, se jiġi żgurat segwitu ulterjuri bħala parti mill-appoġġ tal-Kummissjoni lill-Istati Membri u l-infurzar tal-EMFA.

I. SISTEMA TAL-ĠUSTIZZJA¹

Indipendenza

Il-livell tal-perċezzjoni tal-indipendenza ġudizzjarja f'Malta issa huwa fil-medja fost il-pubbliku ġenerali u għadu għoli fost il-kumpaniji. Kumplessivament, 47 % tal-popolazzjoni ġenerali u 65 % tal-kumpaniji jqisu l-livell ta' indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin bħala “pjuttost tajba jew tajba ħafna” fl-2026². Il-perċezzjoni tal-indipendenza ġudizzjarja fost il-pubbliku ġenerali naqset b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-2025 (69 %), kif ukoll meta mqabbla mal-2022 (67 %). Il-perċezzjoni tal-indipendenza ġudizzjarja fost il-kumpaniji żdiedet bi ftit meta mqabbla mal-2025 (63 %), u naqset bi ftit meta mqabbla mal-2022 (68 %).

Filwaqt li kompla d-dibattitu politiku dwar il-ħatra tal-Prim Imħallef, ma kien għad hemm l-ebda progress ulterjuri dwar ir-rakkomandazzjoni biex il-ġudikatura tkun involuta fil-proċess³ minħabba n-nuqqas ta' konsensus politiku. F'Ġunju 2025, il-Parlament iddiskuta riforma kostituzzjonali li tipprevedi, fost l-oħrajn, li l-Prim Ministru jikkonsulta lill-Prim Imħallef uxxenti u lill-President dwar il-ħatra ta' Prim Imħallef, u jinforma lill-kap tal-oppożizzjoni⁴. Peress li n-nomina proposta mill-Prim Ministru ma gābritx il-maġġoranza meħtieġa ta' żewġ terzi fil-Parlament f'Marzu 2026, il-Prim Imħallef uxxenti baqa' fil-kariga wara d-data statutorja tal-irtirar. Il-partijiet ikkonċernati qajmu tħassib dwar il-proċess tal-ħatra tal-Prim Imħallef u l-impatt tiegħu fuq il-perċezzjoni tal-indipendenza⁵. Fi sħarriġ li sar bejn April u Mejju 2026, il-livell tal-perċezzjoni tal-indipendenza fost il-pubbliku ġenerali naqas b'mod sinifikanti.⁶ Il-Gvern ħabbar riforma kostituzzjonali biex jintroduċi mekkaniżmu li jipprevjeni l-imblokk fil-proċess tal-ħatra tal-Prim Imħallef⁷. Peress li r-riformi biex tiġi involuta l-ġudikatura fil-ħatra tal-Prim Imħallef għadhom pendenti, ma sar l-ebda progress ulterjuri fuq ir-rakkomandazzjoni li saret fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025.

¹ Ħarsa ġenerali lejn il-qafas istituzzjonali għall-erba' pilastrji kollha tinsab [hawnhekk](#).

² L-Illustrazzjonijiet 48 u 50, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2026, u l-Illustrazzjonijiet 51 u 53, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2024. Il-livell tal-perċezzjoni tal-indipendenza ġudizzjarja huwa kkategorizzat kif ġej: baxx ħafna (inqas minn 30 % ta' dawk li wieġbu jqisu l-indipendenza ġudizzjarja bħala pjuttost tajba u tajba ħafna); baxxa (bejn 30-39 %), medja (bejn 40-59 %), għolja (bejn 60-75 %), għolja ħafna (aktar minn 75 %).

³ Ir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025 irrakkomanda li Malta “[t]mexxi 'l quddiem ir-riforma li tinsab għaddejja bħalissa sabiex tinvolvi lill-ġudikatura fil-proċedura tal-ħatra tal-Prim Imħallef, filwaqt li tqis l-istandards Ewropej dwar il-ħatriet ġudizzjarji.” Preċedentement, kien ġie kkalkulat xi progress fuq din ir-rakkomandazzjoni fl-2025 u l-2024, u l-ebda progress fl-2023.

⁴ Il-Kamra tad-Deputati (2025), Abbozz ta' Liġi 134 — Att sabiex jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta, jinsab [hawnhekk](#). Fid-dawl li ma kienx hemm appoġġ mill-partiti taż-żewġ naħat tal-Kamra, ir-riforma ma tressqitx għall-vot.

⁵ Il-partijiet ikkonċernati esprimew tħassib dwar dak li qiesu bħala politiċizzazzjoni tal-proċess li fil-fehma tagħhom jirriskja li jimmina l-perċezzjoni tal-imparzjalità tal-ġudikatura. Żjara tal-pajjiż f'Malta, Repubblika. Il-Kamra tal-Avukati (2026a; 2026b); Repubblika (2026b; 2026c); Aditus u Daphne Foundation (2026a).

⁶ Ara l-ewwel paragrafu hawn fuq.

⁷ Il-Prim Imħallef huwa l-kap tal-ġudikatura, jippresjedi l-qrati superjuri inkluża l-Qorti Kostituzzjonali, huwa d-deputy chairman tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (il-kunsill ġudizzjarju ta' Malta) u għandu rwol ewlieni fis-salvagwardja tal-indipendenza tal-ġudikatura u fl-iżgurar tal-amministrazzjoni xierqa tal-qrati. Il-Kummissjoni ta' Venezja kienet issuġġeriet li l-Prim Imħallef jiġi elett mill-imħallfin infushom, jew mill-imħallfin tal-qrati supremi f'każ ta' stagħnar fit-tul fil-Parlament. Il-Kummissjoni ta' Venezja (2018) para. 41, 44; (2020b), para. 41 'il quddiem; u (2020a), para. 41 'il quddiem.

Beda l-kariga Kummissarju għall-Istandards tal-Ġudikatura ġdid. F'Ġunju 2025, il-Parlament stabbilixxa din il-kariga bis-setgħa li tinvestiga lmenti dwar membri tal-ġudikatura u tirrapporta lill-Prim Imħallef u lill-Ministru għall-Ġustizzja li jistgħu, fuq dik il-bażi, jibdwu azzjoni dixxiplinari⁸. Il-Kummissarju nħatar mill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja f'Diċembru 2025 għal mandat ta' 3 snin li jista' jiġġedded⁹. Filwaqt li laqgħu b'mod ġenerali dan il-mezz strutturat għal ilmenti ta' dan it-tip¹⁰, il-partijiet ikkonċernati talbu li jiġu żgurati proċeduri u garanziji ċari għall-indipendenza u l-imparzjalità tal-investigazzjonijiet¹¹. Il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (il-kunsill ġudizzjarju ta' Malta) u l-Kumitat tagħha għall-Imħallfin u l-Maġistrati komplew jeżerċitaw ir-responsabbiltà tagħhom għal proċeduri dixxiplinari kontra l-imħallfin u l-maġistrati¹². Il-proċeduri dixxiplinari huma kunfidenzjali, u l-partijiet ikkonċernati talbu għal aktar trasparenza dwar il-kompożizzjoni u l-attivitajiet tal-Kummissjoni¹³. Wara xi rtirar u promozzjonijiet, il-Kummissjoni ma baqgħetx operattiva fil-bidu tal-2026; f'April saru l-elezzjonijiet għal membri godda¹⁴.

Il-partijiet ikkonċernati qajmu tħassib dwar ċerti dikjarazzjonijiet kritiċi mill-politiċi dwar l-imħallfin. Il-partijiet ikkonċernati qiesu li ċerti rimarki kritiċi lejn membri individwali tal-ġudikatura mill-ogħla uffiċjali tal-Gvern irriskjaw li jdgħajfu l-fiduċja tal-pubbliku fl-integrità tad-deċiżjonijiet dwar il-ħatriet ġudizzjarji¹⁵. Skont l-istandards Ewropej, filwaqt li l-kritika tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji hija aspett normali tad-diskors demokratiku, is-setgħat eżekuttivi u leġiżlattivi għandhom jevitaw kritika li ddgħajf l-indipendenza tal-ġudikatura jew il-fiduċja tal-pubbliku fiha¹⁶. L-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR) tal-OSKE ddokumenta wkoll rimarki kritiċi rikorrenti minn personalitajiet politiċi kontra avukati¹⁷.

Ir-riformi biex tissaħħaħ l-indipendenza tat-tribunali speċjalizzati qed javvanzaw. Fil-kuntest tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) ta' Ottubru 2021, Malta impenjat ruħha għal rieżami tal-indipendenza tat-tribunali speċjalizzati, inkluż fir-rigward tal-involvement tal-eżekuttiv fil-ħatra tal-membri tagħhom¹⁸. Il-Kummissjoni ta' Venezja qajmet tħassib dwar

⁸ L-Att XVI tal-2025.

⁹ Il-President tar-Repubblika (2025).

¹⁰ Repubblika (2026), kontribut bil-miktub, p. 12.

¹¹ Aditus u Daphne Foundation (2026), kontribut bil-miktub, p. 7-8. Repubblika (2026), kontribut bil-miktub, pp. 10, 12.

¹² FI-2025, maġistrat ġie sospiż mill-kariga għal xahar wara ksur amministrattiv.

¹³ L-ismijiet tal-membri eletti tal-Kummissjoni mhumix ippubblikati u l-ebda rapport ta' attività regolari ma jsir pubbliku. Żjara tal-pajjiż f'Malta, il-Kamra tal-Avukati, Aditus Foundation, Repubblika.

¹⁴ Żjara tal-pajjiż f'Malta, il-Prim Imħallef. Il-Gvern Malti (2026a), kontribut addizzjonali bil-miktub.

¹⁵ Dawn ir-rimarki kienu jirreferu għall-adattabilità ta' ċerti kandidati identifikabbli matul proċedura ta' ħatriet ġudizzjarji. Il-partijiet ikkonċernati qiesu li dawn ir-rimarki kienu jirriskjaw li jeżerċitaw pressjoni fuq il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, inkarigata mill-evalwazzjoni tal-kandidati. Aditus u Daphne Foundation (2026), kontribut bil-miktub, p. 6. Repubblika (2026), kontribut bil-miktub, pp. 10-13, 20.

¹⁶ Il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa (2010), ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12, para. 18.

¹⁷ OSKE/ODIHR (2025). Il-Kamra tal-Avukati (2026), kontribut bil-miktub permezz tas-CCBE, p. 177.

¹⁸ Ara r-rapporti dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025, l-2024 u l-2023. Skont l-istadju importanti tal-RRP 6.4, "Rieżami dwar l-indipendenza tat-tribunali speċjalizzati għandha titwettaq mill-awtoritajiet Maltin, li għandu jinkludi mill-inqas (i) valutazzjoni tal-garanziji tal-indipendenza għall-ħatriet tal-membri ta' dawn it-tribunali speċjalizzati, (ii) valutazzjoni tal-garanziji li jipprevedu li d-deċiżjonijiet tat-tribunali jiġu rieżaminati mill-qradi ordinarji tal-appell, u (iii) miżuri li jindirizzaw l-indipendenza tat-tribunali speċjalizzati. L-att(i) legali għandu/hom jidħlu fis-seħħ, filwaqt li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet inklużi fl-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa, kemm dwar l-abbozz tal-att(i) legali kif ukoll dwar ir-rieżami mwettaq mill-awtoritajiet Maltin." Il-valutazzjoni relatata mas-suġġett tal-Istadju

l-operat ta' dawn it-tribunali speċjalizzati, meta jitqies li dawn ma jgawdux l-istess livell ta' indipendenza bħall-qrati ordinarji¹⁹. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem appellat ukoll lill-Gvern Malti biex jiżgura proċeduri ta' ħatra xierqa u kriterji tal-għażla bbażati fuq il-mertu għal wieħed mit-tribunali speċjalizzati ta' Malta, li jiggarrantixxu l-istandards meħtieġa ta' indipendenza u imparzjalità²⁰. Il-Gvern għad irid iressaq abbozz ta' leġiżlazzjoni mħabbar fil-bidu tal-2025²¹. F'Mejju 2026, il-Gvern ippreżenta abbozz ta' liġi lill-Kummissjoni ta' Venezja²². F'konformità mal-impenji tal-RRP, l-adozzjoni ta' emendi leġiżlattivi tkun mistennija sa Awwissu 2026, wara li jiġu kkonsultati u jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar ir-rieżami intern imsemmi u dwar l-abbozzi ta' emendi.

Kwalità

Minkejja r-reklutaġġ tal-persunal u l-espansjoni tal-bini tal-qorti li għaddejjin bħalissa, għad hemm il-ħtieġa għal żieda fir-riżorsi għall-ġudikatura. Il-Gvern żied il-baġit tas-settur tal-ġustizzja bi 11 % fl-2026 biex jiffinanzja t-titjib infrastrutturali, ir-reklutaġġi, it-taħriġ, u t-trasformazzjoni diġitali²³. Filwaqt li l-għadd ta' impjegati tal-qorti żdied²⁴, għad hemm nuqqas ta' persunal ġudizzjarju. Il-partijiet ikkonċernati rrikonoxxew in-nuqqas ta' persunal bħala fattur ta' dewmien fil-qrati²⁵, li potenzjalment jaffettwa wkoll lin-negozji u l-attivitajiet ekonomiċi²⁶. Ħatriet ġudizzjarji addizzjonali koprew l-irtirar u r-riżenji²⁷, iżda l-għadd ta' mħallfin għal kull abitant għadu fost l-aktar baxxi fl-UE²⁸. Il-Prim Imħallef appella biex il-ħatriet ġudizzjarji jsiru fuq bażi regolari, independentement mis-sostituzzjoni f'waqtha tal-imħallfin uxxenti, sabiex jiġu żgurati r-riżorsi umani meħtieġa biex jiġu indirizzati x-xogħol b'lura u t-tul tal-proċedimenti²⁹. Iż-żieda fl-għadd ta' prosekuzzjonijiet ukoll titfa' pressjoni fuq il-qrati³⁰. Il-Gvern investa f'bini ġdida fil-Belt Valletta għall-maġistrati inkwirenti, għall-Qorti Kummerċjali u għall-Qorti tal-Familja, biex itaffi n-nuqqas ta' spazju fil-Qrati tal-Ġustizzja. Awla tal-qorti ġdida ppermettiet li jsiru żewġ ġurijiet b'mod parallel³¹, u dan jgħin biex jiġi indirizzat ix-xogħol b'lura ta' aktar minn 100 proċess kriminali b'ġuri³².

Importanti 6.4 fir-rapport dwar l-Istat tad-Dritt ma tippreġudikax il-valutazzjoni tat-tweġiq tal-miżuri fil-qafas tal-RRP ta' Malta.

¹⁹ Il-Kummissjoni ta' Venezja (2020a) para. 97-98; ara wkoll (2020b) para. 97-98; u (2018) para. 80-83.

²⁰ Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, is-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2024, *J.B. and Others v. Malta*, il-kawża 1766/23 relatata mal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni.

²¹ Żjara tal-pajjiż f'Malta, il-Gvern Malti.

²² Il-Kummissjoni ta' Venezja (2026).

²³ Il-Ministeru għall-Ġustizzja (2025).

²⁴ 598 impjegat, inklużi 41 avukat tal-qorti u 51 assistent ġudizzjarju. Il-Kamra tal-Avukati (2026), kontribut bil-miktub permezz tas-CCBE, p. 182.

²⁵ Il-Prim Imħallef (2025). Repubblika (2026), kontribut bil-miktub, p. 15. Il-FMI (2026), pp. 19–20.

²⁶ Żjara tal-pajjiż f'Malta, Malta Business Bureau u l-Kamra tal-Kummerċ ta' Malta. Il-FMI (2026), pp. 19–20.

²⁷ Minn Lulju 2025 sa April 2026, irtiraw żewġ imħallfin u rriżenja maġistrat wieħed, filwaqt li nqas sitt membri ġodda mal-ġudikatura. F'April 2026 saret sejħa u f'Ġunju nħatru żewġ maġistrati oħrajn.

²⁸ FI-2024, Malta kellha 9.4 mħallfin għal kull 100 000 abitant, it-tielet l-aktar rata baxxa fl-UE. B'paragun ma' dan, fl-2024 Malta kellha 328.8 avukat għal kull 100 000 abitant, waħda mill-ogħla rati fl-UE. L-Illustrazzjonijiet 36 u 38, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2026. Sa Mejju 2026, bħala mħallfin u maġistrati Malta kellha 61, jiġifieri madwar 11 għal kull 100 000.

²⁹ Il-Prim Imħallef (2025).

³⁰ Żjara tal-pajjiż f'Malta, l-Avukat Ġenerali, il-Gvern Malti.

³¹ FI-2025, saru 18-il ġuri, meta mqabbla ma' medja ta' 8 fis-snin preċedenti. Il-Ministeru għall-Ġustizzja (2025).

³² Il-Prim Imħallef (2025).

Ir-reklutaġġ tal-prosekuturi kompli, bl-għadd ta' prosekuzzjonijiet jiżdied. L-għadd ta' prosekuzzjonijiet laħaq il-578 fl-2025 (żieda minn 492 fl-2024), inklużi 74 att ta' akkuża għal ġurijiet (72 fl-2024)³³. Komplu r-reklutaġġ tal-prosekuturi³⁴, u strateġija ta' ritenzjoni taffiet id-dawran tal-impjegali biex tippermetti l-akkumulazzjoni ta' għarfien espert speċjalizzat u tal-inkarigar mill-kawżi³⁵. Kodiċi ta' etika ġdid għall-prosekuturi ilu fis-seħħ minn Settembru 2025³⁶. It-trasferiment tar-responsabbiltà għall-prosekuzzjoni ta' kawżi mhux sommarji mingħand il-Pulizija għal għand l-Avukat Ġenerali għadu għaddej. It-trasferiment tal-kawżi sommarji³⁷ jkun jeħtieġ żmien u riżorsi addizzjonali³⁸.

Ir-riforma tal-professjoni legali għadha pendenti. Il-Kamra tal-Avukati kienet iddiżappuntata bid-dewmien biex titressaq riforma tal-Att dwar l-Avukati fil-Parlament u appellat għal aktar riżorsi u setgħat awtoregulatorji, kif ukoll għal taħriġ obbligatorju għall-avukati³⁹. L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat istituzzjonalizzaw l-iżvilupp professjonali kontinwu lejn l-aħħar tal-2025⁴⁰. Il-qafas għat-taħriġ ġudizzjarju jista' jittejjeb. Ir-riżorsi għall-korsijiet ta' taħriġ ipprovduti mill-Gvern lill-Kumitat tal-Istudji Ġudizzjarji (kumitat tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja) żdiedu iżda għadhom limitati⁴¹.

L-investimenti fid-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja qed javvanzaw b'pass limitat, u għadd ta' sistemi diġitali għad iridu jiġu implimentati. Is-sejħa għall-offerti għas-sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet (CMS)⁴² avvanzat bil-mod, b'segwitu għall-istrateġija tal-ġustizzja diġitali 2022–2027⁴³ li qed tiffaċċja dewmien. Fi Frar 2026, ingħatat il-konċessjoni ta' offerta għal sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni tal-qorti, wara sejħa imnedija f'Settembru 2024, u issa qed tistenna l-appelli. Il-komunikazzjoni u l-preżentazzjoni online jkopru biss ċerti proċeduri, u l-funzjonijiet ġudizzjarji ewlenin jibqgħu bbażati fuq il-karti. Il-Kamra tal-Avukati kienet diżappuntata bin-nuqqas ta' konsultazzjoni dwar il-kunċett ta' pjattaformi ġudizzjarji online⁴⁴. Id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja għalhekk kellha biss impatt modest s'issa u ma naqqsitx b'mod sostanzjali d-dewmien, skont l-utenti tal-qorti⁴⁵.

Ġew adottati riformi biex titjieb l-ispeċjalizzazzjoni tal-qrati u żdied l-appoġġ għall-

³³ Żjara tal-pajjiż f'Malta, l-Avukat Ġenerali.

³⁴ L-Avukat Ġenerali kien qed jimpjega 77 prosekutur sa Marzu 2026. Żjara tal-pajjiż f'Malta, l-Avukat Ġenerali.

³⁵ Żjara tal-pajjiż f'Malta, l-Avukat Ġenerali.

³⁶ Żjara tal-pajjiż f'Malta, l-Avukat Ġenerali.

³⁷ Studju indipendenti skont l-istadju importanti 6.5 tal-RRP irrakkomanda li jiġi prijoritizzat it-trasferiment ta' reati mhux sommarji għal għand l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, li għandhom jiġu assorbiti sa Ottubru 2027. Qabel it-trasferiment ta' kawżi sommarji, l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali għandu jieħu miżuri biex iħejji għaż-żieda fl-ammont tax-xogħol. Fieldfisher (2025). Il-valutazzjoni relatata mas-suġġett tal-Istadju Importanti 6.5 fir-rapport dwar l-Istat tad-Dritt ma tippreġudikax il-valutazzjoni tat-twertiq tal-miżuri fil-qafas tal-RRP ta' Malta.

³⁸ Żjara tal-pajjiż f'Malta, l-Avukat Ġenerali, il-Gvern Malti.

³⁹ Il-Kamra tal-Avukati (2026), kontribut bil-miktub permezz tas-CCBE, pp.178, 182. Repubblika (2026), kontribut bil-miktub, p.13.

⁴⁰ Il-Kunsill tal-Ewropa (2025). Il-Kamra tal-Avukati (2026), kontribut bil-miktub permezz tas-CCBE, p. 182.

⁴¹ EUR 70 000 fil-baġit tal-2026. Il-Ministeru għall-Finanzi (2026). Repubblika (2026), kontribut bil-miktub, p. 16.

⁴² Żjara tal-pajjiż f'Malta, il-Gvern Malti. Il-konċessjoni tal-offerta tas-CMS għall-Avukat tal-Istat ingħatat fi Frar 2026. Is-sejħa għall-offerti tas-CMS għall-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ġiet ippubblikata mill-ġdid f'Mejju 2026.

⁴³ L-istrateġija dwar il-ġustizzja diġitali hija parzjalment iffinanzjata mill-RRF.

⁴⁴ Il-Kamra tal-Avukati (2025a). Il-Kamra tal-Avukati (2026), kontribut bil-miktub permezz tas-CCBE, p. 183.

⁴⁵ Repubblika (2026), kontribut bil-miktub, p.16.

ghajjnuna legali. Ir-riformi biex tiġi stabbilita Qorti Kummerċjali u biex tiġi riformata l-Qorti tal-Familja ġew adottati f'Marzu 2026, wara konsultazzjonijiet pubbliċi⁴⁶. Il-Kamra tal-Avukati laqgħet ir-riżultati preliminari ta' din l-ispeċjalizzazzjoni istituzzjonali⁴⁷. Il-pjattaforma tal-ghajjnuna legali online hija operazzjonali, u l-baġit u l-persunal tal-aġenzija tal-ghajjnuna legali żdiedu⁴⁸. Il-baġit taċ-Ċentru ta' Medjazzjoni żdied, filwaqt li riforma leġiżlattiva tal-medjazzjoni u l-arbitraġġ għadha pendent⁴⁹.

Effiċjenza

Ma kien hemm l-ebda progress ulterjuri dwar ir-rakkomandazzjoni biex tittejjeb l-effiċjenza tas-sistema tal-ġustizzja, b'mod partikolari biex jitnaqqas it-tul tal-proċedimenti.⁵⁰ L-indikaturi tat-tul tal-proċedimenti u tar-rata tal-għeluq tal-kawżi għall-2024 għadhom ta' tħassib u spiss urew aktar deterjorament, għalkemm id-data preliminari għall-2025 tindika xi titjib. It-tul tal-proċedimenti tal-kawżi ċivili u kummerċjali tal-prim'istanza għadu r-raba' l-itwal fl-UE, u qed imur għall-agħar, b'491 jum fl-2024, wara erba' snin ta' titjib⁵¹. Fl-2024, it-tul tal-proċedimenti tal-kawżi kriminali tal-prim'istanza laħaq it-862 jum, li juri degradazzjoni sinifikanti għat-tieni sena⁵². Għall-kawżi kriminali gravi, it-tul tal-proċedimenti kważi rdoppja għal 3 977 jum (kważi 11-il sena), l-itwal fl-UE⁵³. It-tul tal-proċedimenti tal-kawżi amministrattivi tal-prim'istanza naqas għat-tielet sena konsekuttiva fl-2024, u laħaq l-1 681 jum (iktar minn 4.5 snin), l-itwal fl-UE⁵⁴. Ix-xogħol b'lura ta' kawżi pendent kompla jiżdied. Ir-rata tal-għeluq tal-kawżi għall-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi fil-prim'istanza kienet ta' 94 % fl-2024⁵⁵, u baqgħet taħt il-100 % mill-2016 'il quddiem. Il-kawżi amministrattivi kellhom rata tal-għeluq tal-kawżi partikolarment baxxa, u li qed tonqos, ta' 60 %. Fil-kawżi kriminali tal-prim'istanza, ir-rata tal-għeluq tal-kawżi niżlet għal 66 % fl-2024⁵⁶. Kawżi kriminali serji fil-prim' istanza huma ta' tħassib partikolari, b'rata tal-għeluq tal-kawżi ta' 22.4 % biss⁵⁷. Fl-appell, ir-rata tal-

⁴⁶ L-Abbozz ta' Liġi 133, adottat bħala l-Att IV tal-2026 fil-11 ta' Marzu; u l-Abbozz ta' Liġi 165, adottat bħala l-Att VII tal-2026 fil-25 ta' Marzu.

⁴⁷ Il-Kamra tal-Avukati (2026), kontribut bil-miktub permezz tas-CCBE, p. 184.

⁴⁸ Il-Kamra tal-Avukati (2026), kontribut bil-miktub permezz tas-CCBE, p. 181. Bir-riforma tal-Qorti tal-Familja, Għajjnuna Legali Malta għandha responsabbiltajiet ġodda bħala Avukat tat-Tfal. Żjara tal-pajjiż f'Malta, il-Gvern Malti. Il-partijiet ikkonċernati komplew jitolbu li jitwessa' l-aċċess għall-ghajjnuna legali u l-kwalità tagħha. Aditus u Daphne Foundation (2026), kontribut bil-miktub, p. 10-11. Repubblika (2026), kontribut bil-miktub, p.14.

⁴⁹ Żjara tal-pajjiż f'Malta, il-Gvern Malti.

⁵⁰ Ir-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Drift irrakkomanda li Malta “żżid l-isforzi sabiex ittejjeb l-effiċjenza tal-ġustizzja, b'mod partikolari sabiex jitnaqqas it-tul tal-proċedimenti.” Preċedentement, kien ġie kkalkulat xi progress fuq din ir-rakkomandazzjoni fl-2025, l-2024 u l-2023. Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni pproponiet li l-Kunsill jirakkomanda li Malta “ttejjeb l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja billi tindirizza l-kawżi pendent u tnaqqas it-tul tal-proċedimenti.” Il-Kummissjoni Ewropea (2026) 218 final, CSR 3.

⁵¹ L-Illustrazzjoni 5, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2026. Ċifri preċedenti (f'jiem): 454 (2023), 491 (2022), 529 (2021).

⁵² CEPEJ (2026), it-Tabella 3.13.4, p. 461. Ċifri preċedenti (f'jiem): 713 (2023), 527 (2022), 566 (2021).

⁵³ CEPEJ (2026), it-Tabella 3.13.6, p. 461. Ċifri preċedenti (f'jiem): 2 160 (2023), 2 506 (2022). Fi proċessi ta' omiċidju, l-imputati jista' jkollhom jistennew medja ta' 3 snin għal data tal-proċess. Daphne Foundation (2025).

⁵⁴ L-Illustrazzjoni 7, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2026. Ċifri preċedenti: 1 350 (2023), 1 081 (2022), 1 356 (2021).

⁵⁵ L-Illustrazzjoni 10, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2026. Ċifri preċedenti: 95% (2023), 87% (2022)... 107.3% (2016).

⁵⁶ CEPEJ (2026), it-Tabella 3.13.7, p. 460. Ċifri preċedenti: 74.1% (2023), 92.8% (2022), 87.7% (2021).

⁵⁷ CEPEJ (2026), it-Tabella 3.13.5, p. 460. Ċifri preċedenti: 38.1% (2023), 38.5% (2022).

għeluq tal-kawżi kienet ta' 87.4 % fl-2024⁵⁸. Id-data tal-Gvern mill-2025 turi titjib, bi tnaqqis sinifikanti fit-tul tal-proċedimenti (335, 729 u 864 jum għall-kawżi ċivili, kriminali u amministrattivi tal-prim'istanza rispettivament), u żieda fir-rati tal-għeluq tal-kawżi (106 %, 150 % u 81 % rispettivament), inkluż għal kawżi kriminali gravi fil-prim' istanza (sa 46 %) ⁵⁹. L-għadd ta' kawżi kostituzzjonali żdied f'dawn l-aħħar snin, b'aktar minn 300 kawża pendenti sa Ottubru 2025⁶⁰. Id-dewmien u l-effiċjenza inadegwata tal-qrati huma wkoll ta' tħassib għall-fiduċja fin-negozju⁶¹. Kumplessivament, għadu ma sar l-ebda progress dwar ir-rakkomandazzjoni li saret fir-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt.

Ir-riforma tal-kumpilazzjoni tal-provi, maħsuba biex tħaffef il-proċeduri tal-qorti kriminali, għadha pendenti. Il-Gvern ħabbar li se jressaq riforma tal-kumpilazzjoni fil-Parlament, abbażi ta' konsultazzjoni pubblika li saret fl-2023, li żżid id-dipendenza fuq il-provi dokumentarji bl-għan li tqassar il-proċedimenti ta' qabel il-proċess⁶². Separatament, f'Lulju 2025, il-Gvern ressaq abbozzi ta' liġijiet fil-Parlament dwar l-ippjanar u l-appelli tal-iżvilupp bl-għan iddikjarat li tittejjeb l-effiċjenza u jitnaqqas id-dewmien⁶³, li qajjem dibattitu pubbliku sinifikanti u kritika mis-soċjetà ċivili u mill-korpi professjonali għall-impatt potenzjali tagħhom fuq l-aċċess għall-ġustizzja u l-parteċipazzjoni pubblika⁶⁴. Dawn l-abbozzi ta' liġi skadew max-xoljiment tal-Parlament fid-dawl tal-elezzjonijiet bikrin f'Mejju 2026.

II. QAFAS KONTRA L-KORRUZZJONI

Il-perċezzjoni fost l-esperti, iċ-ċittadini u d-diriġenti tan-negozju hija li l-livell ta' korruzzjoni fis-settur pubbliku għadu għoli. Fl-Indiċi tal-2025 dwar il-Perċezzjonijiet tal-Korruzzjoni minn Transparency International, Malta ġabet 49/100 u tinsab fit-22 post fl-Unjoni Ewropea u fis-60 post fid-dinja⁶⁵. Din il-perċezzjoni ddeterjorat matul l-aħħar 5 snin⁶⁶. L-Ewrobarometru Speċjali tal-2026 dwar il-Korruzzjoni juri li 87 % ta' dawh li

⁵⁸ CEPEJ (2026), it-Tabella 3.17.3, p. 503. Ċifri preċedenti: 145.8% (2023), 90.6% (2022), 94.6% (2021).

⁵⁹ Żjara tal-pajjiż f'Malta, il-Gvern Malti.

⁶⁰ In-nuqqas ta' effett *erga omnes* tad-deċiżjonijiet kostituzzjonali jwassal għal litigazzjoni ripetittiva. Il-Prim Imħallef appella għal darba oħra għal riformi li jippermettu li l-kawżi kostituzzjonali jinstemgħu minn taqsimiet differenti tal-Qorti tal-Appell Ċivili u Kummerċjali. Għet diskussa riforma kostituzzjonali f'dak is-sens iżda ma ġietx adottata mill-Parlament f'Ġunju 2025. Il-Prim Imħallef (2025). ConstitutionNet (2025). Il-Kamra tal-Avukati (2026), kontribut bil-miktub, p. 180.

⁶¹ Żjara tal-pajjiż f'Malta, Malta Business Bureau u l-Kamra tal-Kummerċ ta' Malta. Il-FMI (2026), pp. 19–20.

⁶² Repubblika (2026), kontribut bil-miktub, p. 5.

⁶³ L-abbozzi ta' liġi 143 u 144. Fil-fehma tal-Gvern, ir-riforma proposta saħħet l-aċċess għall-qrati fi kwistjonijiet ta' ppjanar, ippreservat id-dritt li jiġu kkontestati d-deċiżjonijiet, u armonizzat ir-rekwiżiti proċedurali, bl-għan kumplessiv li tittejjeb l-effiċjenza u jitnaqqas id-dewmien. Żjara tal-pajjiż f'Malta, il-Gvern Malti.

⁶⁴ Aditus u Daphne Foundation (2026), kontribut bil-miktub, p. 9. Repubblika (2026), kontribut bil-miktub, pp. 10-11, 13. Il-Kamra tal-Avukati u koalizzjoni ta' aktar minn 70 NGO (taħt il-kampanja *Ġustizzja għal Artna*) ipprotestaw kontra l-abbozzi ta' liġi dwar ir-riforma tal-ippjanar f'Awissu u Ottubru 2025 u f'April 2026. Civicus Monitor (2025). Birdlife Malta (2025). Din l-Art Ħelwa (2025). Kevin Aquilina (2025a, 2025b). Moviment Graffiti (2026). Għall-Kamra tal-Periti (2025a), filwaqt li riforma tal-proċess ta' appell tal-ippjanar ilha mistennija, għadd ta' dispożizzjonijiet fl-abbozzi ta' liġi huma oġġezzjonabbli. L-avukati u l-periti kkritikaw ukoll il-proposta ta' multi kbar li ma jistgħux jiġu rieżaminati għal appelli meqjusa frivoli. Il-Kamra tal-Avukati (2026), kontribut bil-miktub permezz tas-CCBE, pp.178, 180-181. Il-Kamra tal-Avukati (2025). Il-Kamra tal-Avukati (2025b).

⁶⁵ Il-livell tal-perċezzjoni tal-korruzzjoni huwa kkategorizzat kif ġej: baxx ('il fuq minn 79); relattivament baxx (bejn 79 u 60), relattivament għoli (bejn 59 u 50), għoli (taħt il-50).

⁶⁶ Fl-2021, il-punteġġ kien 54, filwaqt li fl-2025, il-punteġġ kien 49. Il-punteġġ jitqies li żdied/naqas b'mod sinifikanti meta jinbidel b'aktar minn ħames punti; tjejb/ħżien (bidliet bejn 4 u 5 punti) u relattivament stabbli (bidliet b'minn 1 sa 3 punti) fl-aħħar 5 snin.

wiegħbu jqisu li l-korruzzjoni hija mifruxa f'pajjiżhom (il-medja tal-UE hija 71 %), u 48 % ta' dawk li wiegħbu jħossu hom personalment affettwati mill-korruzzjoni fil-ħajja tagħhom ta' kuljum (il-medja tal-UE hija 30 %). Fir-rigward tan-negozji, 69 % tal-kumpaniji jqisu li l-korruzzjoni hija mifruxa (il-medja tal-UE hija 65 %) u 41 % iqisu li l-korruzzjoni hija problema meta jsir in-negozju (il-medja tal-UE hija 37 %). Barra minn hekk, 25 % ta' dawk li wiegħbu jqisu li hemm biżżejjed prosekuzzjonijiet li jirnexxu biex jiskoraġġixxu l-prassi korrotti (il-medja tal-UE hija 38 %), filwaqt li 38 % tal-kumpaniji jemmnu li n-nies u n-negozji li jinqabdu jxaħħmu uffiċjal għoli qed jingħataw pieni xierqa (il-medja tal-UE hija 31 %)⁶⁷.

Huwa rrapportat li l-biċċa l-kbira tal-azzjonijiet taħt l-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Frodi u l-Korruzzjoni tlestew, u l-awtoritajiet qed iħejju strateġija ġdida. Bdew it-tħejjijiet biex tiġi aġġornata l-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Frodi u l-Korruzzjoni (NAFCS), peress li l-biċċa l-kbira tal-azzjonijiet tagħha tlestew⁶⁸. Id-Dipartiment tal-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet (IAID), li jmexxi l-implimentazzjoni tal-istrateġija, jenfasizza bħala kisbiet ewlenin l-għadd kbir ta' korsijiet ta' taħriġ ipprovduti minnu u l-attenzenza għalihom, il-ħolqien ta' repożitorju dokumentarju ċentrali, kif ukoll l-għadd sostanzjali ta' investigazzjonijiet finanzjarji u awditi interni magħluqin⁶⁹. Fl-istess ħin, il-partijiet ikkonċernati għadhom jikkritikaw in-nuqqas ta' rapporti ta' implimentazzjoni disponibbli għall-pubbliku, li jagħmilha diffiċli li jiġu vvalutati r-riżultati u l-impatt tal-istrateġija⁷⁰. Il-GRECO nnota wkoll li Malta għadha ma adottatx strateġija speċifika ta' integrità biex tindirizza r-riskji ta' korruzzjoni ta' persuni bl-ogħla funzjonijiet eżekuttivi, kif irrakkomandat preċedentement⁷¹.

Filwaqt li għadhom għaddejjin l-isforzi biex tiżdied il-kapaċità investigattiva, kien hemm progress ulterjuri limitat fl-indirizzar tal-isfidi relatati mat-tul tal-investigazzjonijiet ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, u l-ebda progress fir-rigward tal-istabbiliment ta' rekord robust ta' sentenzi finali⁷². Id-Dipartiment tal-Investigazzjoni tar-Reati Finanzjarji (Financial Crimes Investigation Department, FCID) tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali komplew iżidu r-riżorsi umani tagħhom⁷³. Fl-2025, il-Pulizija nediet 11-il investigazzjoni ġdida f'każijiet ta' korruzzjoni, l-Avukat Ġenerali beda 12-il

⁶⁷ Data mill-Ewrobarometru Speċjali 573 (2026) u l-Ewrobarometru Flash 582 (2026).

⁶⁸ Żjara tal-pajjiż f'Malta, IAID, il-Ministeru għall-Ġustizzja. Tlestew 18 minn 23 azzjoni tal-NAFCS. IAID (2026), kontribut bil-miktub, pp. 3-5.

⁶⁹ Żjara tal-pajjiż f'Malta, IAID. Fl-2025, l-IAID wettaq 31 investigazzjoni finanzjarja u 14-il awditu intern, li minnhom 19 u 10, rispettivament, ġew konklużi. Il-Gvern Malti (2026a), kontribut addizzjonali bil-miktub.

⁷⁰ Repubblika (2026), kontribut bil-miktub, p. 23. Is-soċjetà ċivili targumenta wkoll li sebgħa mit-tmien rakkomandazzjonijiet kontra l-korruzzjoni li saru mill-inkjesta pubblika dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia fl-2021 (disponibbli [hawnhekk](#)) għadhom ma ġewx implimentati. Aditus u Daphne Foundation (2026), kontribut bil-miktub, p. 17.

⁷¹ GRECO (2025), p. 4.

⁷² Ir-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt irrakkomanda li Malta “żżid l-isforzi biex tindirizza l-isfidi relatati mat-tul tal-investigazzjonijiet ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli u tistabbilixxi rekord robust ta' sentenzi finali.” Preċedentement kien ġie vvalutat xi progress dwar it-tul tal-investigazzjonijiet ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli fl-2025, fl-2024 u fl-2023; u l-ebda progress fl-istabbiliment ta' rekord robust ta' sentenzi finali fl-2025, fl-2024 u fl-2023.

⁷³ L-FCID laħaq total ta' 110 uffiċjali fl-2026 (96 fl-2024). Żjara tal-pajjiż f'Malta, FCID. Filwaqt li r-riżorsi umani żdiedu, il-Korp tal-Pulizija ta' Malta għadu ma jistax jagħmel użu minn għodod investigattivi speċjali bħall-interċettazzjonijiet telefoniċi li, skont il-GRECO, dan idgħajjef il-kapaċità li jiġu investigati każijiet kumplessi ta' korruzzjoni. GRECO (2025), p. 15. L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali impjega ħames prosekuturi u b'hekk l-għadd totali ta' prosekuturi tela' għal 77, li 24 minnhom huma speċjalizzati fid-delitti finanzjarji. Filwaqt li ma hemm l-ebda tim iddedikat għall-korruzzjoni, erba' prosekuturi għandhom għarfien espert fir-reati ta' korruzzjoni. Żjara tal-pajjiż f'Malta, l-Avukat Ġenerali.

prosekuzzjoni, u l-Qrati qatgħu żewġ sentenzi⁷⁴, filwaqt li erba' maġistrati qed iwettqu inkjesti maġisterjali f'materji ċivili. It-tul medju tal-investigazzjonijiet dwar korruzzjoni beda jonqos fl-2025, filwaqt li l-għadd ta' kawżi pendenti fil-qorti mibdija qabel l-2025 għadu għoli⁷⁵. Skont il-Gvern, it-titjib tar-rekord jibqa' diffiċli fit-terminu l-qasir; l-isfidi jinkludu l-ammont kbir ta' xogħol tal-esperti rilevanti u l-kumplessità ta' xi każijiet⁷⁶. Is-settur privat u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għadhom jikkritikaw it-tul tal-proċedimenti tal-qorti għall-kawżi ta' korruzzjoni, filwaqt li jindikaw in-nuqqas ta' qrati speċjalizzati għall-korruzzjoni u l-kriminalità finanzjarja u l-prijoritizzazzjoni limitata ta' każijiet bħal dawn⁷⁷ u l-lakuni fit-taħriġ fis-servizzi tal-prosekuzzjoni⁷⁸. Fl-istess ħin, il-Gvern jenfasizza l-miżuri biex tingħalaq il-lakuna fit-taħriġ peress li l-prosekuturi jibbenefikaw minn taħriġ speċjalizzat kontinwu⁷⁹. Il-partijiet ikkonċernati sostnew ukoll il-fehmiet tagħhom li r-riforma tal-inkjesti maġisterjali⁸⁰ introduċiet ostakli proċedurali addizzjonali għaċ-ċittadini biex jibdedu il-proċedimenti⁸¹. Skont il-Gvern, ir-riforma mistennija żżid l-effiċjenza tas-sistema tal-qrati, peress li l-qafas il-ġdid introduċa maġistrati ddedikati għall-inkjesti, struttura proċedurali aktar ċara, skadenzi statutorji, obbligi ta' divulgazzjoni msaħħa u regoli aktar strutturati dwar il-ħatra u s-sorveljanza tal-periti⁸². B'riżultat tal-iskadenzi statutorji l-ġodda, l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ffaċċja żieda fl-ammont tax-xogħol, li jqis li għandha impatt fuq il-kapaċitajiet ta' prosekuzzjoni tiegħu⁸³. Fid-dawl li ntqal hawn fuq, kien hemm progress limitat fl-indirizzar tal-isfidi relatati mat-tul tal-investigazzjonijiet ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, u ebda progress fuq l-istabbiliment ta' rekord robust ta' sentenzi finali.

Il-kapaċità tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni (Permanent Commission against Corruption, PCAC) li tikkontribwixxi b'mod effettiv għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni għadha limitata. Il-PCAC għadha topera bi tliet membri part-time⁸⁴. L-istruttura istituzzjonali tal-PCAC, li għandha setgħat investigattivi flimkien mal-pulizija, twassal għal sitwazzjonijiet fejn iż-żewġ istituzzjonijiet jinvestigaw l-istess każ b'mod parallel filwaqt li ma jkunux jistgħu jiskambjaw informazzjoni minħabba r-

⁷⁴ L-Avukat Ġenerali (2026), kontribut bil-miktub, p. 6. Fl-2024, kien hemm 20 investigazzjoni, 18-il prosekuzzjoni u 3 sentenzi għall-kategorija usa' ta' delitti finanzjarji (mhux speċifikament għall-korruzzjoni).

⁷⁵ 36 kawża ta' korruzzjoni huma pendenti l-qorti, li 28 minnhom infetħu qabel l-2025. Żjara tal-pajjiż f'Malta, il-Gvern Malti.

⁷⁶ Żjara tal-pajjiż f'Malta, il-Gvern Malti. Il-Gvern Malti (2026a), kontribut addizzjonali bil-miktub. Il-Gvern indika wkoll l-impatt fuq l-iskedi ta' żmien tal-inkjesti maġisterjali mibdija minn individwi privati.

⁷⁷ Aditus u Daphne Foundation (2026), kontribut bil-miktub, p. 26. Repubblika (2026), kontribut bil-miktub, p. 22. Żjara tal-pajjiż f'Malta, il-Kamra tal-Kummerċ.

⁷⁸ Skont il-partijiet ikkonċernati, dawn il-lakuni fit-taħriġ ixekklu wkoll l-iżvilupp tal-għarfien expert speċjalizzat meħtieġ għall-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u d-delitti finanzjarji, inklużi każijiet transfruntieri. Repubblika (2026), kontribut bil-miktub, pp. 16, 18.

⁷⁹ Il-prosekuturi li jispeċjalizzaw fil-korruzzjoni jirċievu taħriġ speċjalizzat dwar il-korruzzjoni organizzat miċ-Chartered Institute of Public Finance and Accounting (CIPFA). Il-Gvern Malti (2026a), kontribut addizzjonali bil-miktub.

⁸⁰ L-Att VIII tal-2025, l-emendi għall-Kodiċi Kriminali. Ir-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt, Malta, p. 7.

⁸¹ B'mod partikolari, il-partijiet ikkonċernati jistennaw li r-riforma se tirriżulta f'inqas investigazzjonijiet ġodda f'każijiet ta' korruzzjoni. Aditus u Daphne Foundation (2026), kontribut bil-miktub, p. 14. Repubblika (2026), kontribut bil-miktub, p. 21.

⁸² Il-gvern Malti (2026), kontribut bil-miktub, p. 18. Żjara tal-pajjiż f'Malta, il-Gvern Malti.

⁸³ F'Ottubru 2025, l-Avukat Ġenerali rċieva għadd kbir ta' inkjesti mhux kompluti (minħabba l-limitu ta' żmien ta' sentejn li għadu kif ġie introdott), li ġew analizzati u rritornati lill-maġistrati u lill-Pulizija għal aktar investigazzjoni. Żjara tal-pajjiż f'Malta, l-Avukat Ġenerali.

⁸⁴ Bl-appoġġ tal-RRP, ġew impjegati żewġ uffiċjali amministrattivi (inkarigati biex jappoġġaw id-diġitalizzazzjoni u t-traskrizzjoni tat-testimonjanzi) u maniġer wieħed. PCAC (2026), kontribut bil-miktub, p. 2.

rekwiżit legali tas-segretezza tal-PCAC⁸⁵. Bħal fis-snin ta' qabel⁸⁶, il-PCAC ma rċeviet l-ebda rapport dwar korruzzjoni, u lanqas ma stabbiliet li kien hemm prattika korrotta u għalhekk ma baġtet l-ebda konstatazzjoni lill-Avukat Ġenerali għall-prosekuzzjoni⁸⁷.

It-taħriġ dwar l-integrità għas-servizz pubbliku kompli jingħata u l-pulizija adottat strateġija korporattiva għas-snin 2025 sal-2030. Fl-2025, ingħataw korsijiet ta' taġġim dwar l-integrità u s-sensibilizzazzjoni lill-uffiċjali pubbliċi f'karigi manijerjali superjuri⁸⁸. Malta implimentat sitta mis-seba' rakkomandazzjonijiet tal-GRECO dwar il-prevenzjoni tal-korruzzjoni fl-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, inkluż fir-rigward tal-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, u promozzjonijiet ibbażati fuq il-mertu⁸⁹. Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta adotta strateġija korporattiva għall-2025-2030. Filwaqt li l-istrateġija ma tidentifikax il-għieda kontra l-korruzzjoni bħala objettiv strateġiku, hija għandha l-għan li ssaħħa il-kapaċitajiet teknoloġiċi fil-qasam tal-kriminalità finanzjarja u l-frodi⁹⁰.

Għad trid tittieħed azzjoni biex jitjieb il-qafas kumplessiv tal-etika tal-amministrazzjoni pubblika⁹¹. Hemm qafas dettaljat fis-seħħ biex jiġu identifikati u ġestiti l-kunflitti ta' interess fost l-impjegati pubbliċi, inkluż għall-uffiċjali anzjani u fir-rigward tal-attivitajiet sekondarji, tar-revolving doors kif ukoll tal-interessi finanzjarji u mhux finanzjarji⁹². Fl-istess ħin, għadu mhux ċar liema partijiet tal-qafas japplikaw ukoll għall-persuni ta' fiduċja⁹³. Il-partijiet ikkonċernati jiddispaċijhom li s-sistema hija bbażata biss fuq awtorapportar minn uffiċjali pubbliċi mingħajr mekkaniżmi ta' verifika suffiċjenti⁹⁴. Għad iridu jiġu introdotti regoli dwar ir-restrizzjonijiet ta' wara l-impjeg għall-Ministri, ir-riċeviment ta' rigali u t-trasparenza tal-lobbjar⁹⁵. L-infurzar tar-regoli dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi għadu dgħajfef, u s-soċjetà ċivili għadha tappella għat-tisħiħ tat-trasparenza⁹⁶.

Riforma tas-sisteman tad-dikjarazzjoni tal-assi u tal-interessi għall-Membri Parlamentari u għall-Ministri għadha pendent. Id-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-Ministri ilhom ma jiġu ppubblikati online mill-2024, minħabba l-intenzjoni tal-gvern li joħloq sistema unika ta' dikjarazzjoni tal-assi għall-Membri Parlamentari u l-Ministri⁹⁷. F'Marzu 2026, il-

⁸⁵ Dan huwa dovut għall-fatt li l-pulizija ma tistax tuża l-evidenza miġbura mill-PCAC minħabba obbligi stretti ħafna ta' nondivulgazzjoni tal-PCAC, fil-konfront tal-pulizija, tal-Avukat Ġenerali u tal-Qorti. PCAC (2026), kontribut bil-miktub, p. 8. Żjara tal-pajjiż f'Malta, PCAC, l-Avukat Ġenerali.

⁸⁶ Ir-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt, Malta, p. 8.

⁸⁷ PCAC (2026), kontribut bil-miktub, pp. 6-7.

⁸⁸ Il-Gvern Malti (2026), kontribut bil-miktub, p. 37.

⁸⁹ Skont il-GRECO, strateġija kontra l-korruzzjoni bbażata fuq il-valutazzjoni tar-riskju għadha nieqsa, u l-indipendenza operazzjonali tal-pulizija għadha insuffiċjenti. GRECO (2025), p. 23.

⁹⁰ Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta (2025), p. 56.

⁹¹ Ir-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt, Malta, pp. 8-9.

⁹² Id-dokumenti legali ewlenin huma l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Kodiċi ta' Etika għall-impjegati pubbliċi u l-membri tal-bord, id-Direttiva Nru 16 tal-2023, u l-Qafas għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fis-settur pubbliku, b'effett minn Frar 2024. GRECO (2025), p. 10-12.

⁹³ Persuna ta' fiduċja hija konsulent jew membru tal-persunal maħtur politikament direttament mill-gvern. Filwaqt li l-awtoritajiet jiddikjaraw li l-qafas japplika bis-sħiħ għall-persuni ta' fiduċja, il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika (2026a, p. 4) jargumenta li d-Direttiva 16, li tinkludi dispożizzjonijiet aktar dettaljati dwar il-kunflitti ta' interess u possibbiltajiet addizzjonali ta' infurzar, ma tistax tiġi applikata għall-persuni ta' fiduċja, peress li mhumiex impjegati pubbliċi. Ara wkoll GRECO (2025), p. 11.

⁹⁴ Libertajiet Ċivili (2026), p. 566. Repubblika (2026), kontribut bil-miktub, p. 29.

⁹⁵ GRECO (2025), p. 9. Żjara tal-pajjiż f'Malta, il-Gvern Malti.

⁹⁶ OSKE (2022), pp. 9, 13. Repubblika (2025).

⁹⁷ Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika (2026), kontribut bil-miktub, p. 14. Il-Ministri komplew jippreżentaw id-dikjarazzjonijiet tal-assi fil-kapaċità tagħhom bħala Membri Parlamentari, li madankollu

gvern ippropona li jirriforma s-sistema tad-dikjarazzjoni tal-assi u tal-interessi, u l-Kodiċi tal-Etika għall-Membri tal-Kamra tad-Deputati billi jintroduċi definizzjonijiet ta' prinċipji ewlenin tal-integrità, joħloq regjistru separat tal-interessi għall-Membri Parlamentari (MP) u jarmonizza r-regoli dwar id-dikjarazzjonijiet tal-assi għall-MP u għall-Ministri⁹⁸. Skont il-proposta, il-MP, inklużi l-Ministri, ikunu obbligati wkoll jiddikjaraw l-introjt u l-assi intanġibbli tagħhom, filwaqt li l-proprietarji u l-interessi finanzjarji tal-konjuġi ma jkollhomx għalfejn jibqgħu jiġu ddikjarati. Din l-aħħar parti kienet ikkritikata mill-partijiet ikkonċernati⁹⁹. L-abbozz tal-mozzjoni skada wara x-xoljiment tal-Parlament f'April; il-Gvern iddikjara l-intenzjoni tiegħu li jkompli r-riforma fil-leġiżlatura l-ġdida¹⁰⁰. Il-qafas ġenerali tal-integrità, b'mod partikolari għall-persuni bl-ogħla funzjonijiet eżekuttivi bħall-Ministri, juri lakuni li għad iridu jiġu indirizzati, b'mod partikolari dwar l-infurzar¹⁰¹, kif irrakkomandat ukoll mill-OECD u mill-GRECO¹⁰².

Beda jopera portal diġitali għall-ipproċessar tar-rapporti dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta. Il-portal diġitali l-ġdid jippermetti lill-Uffiċjali tar-Rapportar tal-Informaturi jaċċessaw ir-rapporti interni ppreżentati mill-informaturi fis-servizz pubbliku u jipprovdulhom feedback¹⁰³. L-għadd globali ta' rapporti ta' żvelar ta' informazzjoni protetta li waslu, permezz tal-kanali ta' rapportar kemm interni kif ukoll esterni, għadu baxx hafna¹⁰⁴. Kemm l-awtoritajiet kif ukoll il-partijiet ikkonċernati dan jispjegawh b'biża' ta' ritaljazzjoni f'kuntesti professjonali u n-nuqqas ġenerali ta' anonimità f'pajjiż żgħir bħal Malta¹⁰⁵. Filwaqt li l-awtoritajiet jenfasizzaw li l-informazzjoni rilevanti dwar "prattiki mhux xierqa" potenzjali xorta waħda taslilhom permezz ta' kanali oħrajn¹⁰⁶, il-partijiet ikkonċernati jindikaw nuqqas ta' fiduċja fis-sistema, anke minħabba protezzjoni insuffiċjenti mir-ritaljazzjoni għall-informaturi¹⁰⁷. Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta tejjeb il-mekkaniżmi ta' rapportar intern u saħħaħ il-protezzjoni tal-informaturi¹⁰⁸. Ma ttieħdet l-ebda inizjattiva ulterjuri biex jittejjeb, fil-liġi u fil-prattika, ir-reġim għall-protezzjoni tal-informaturi lil hinn mill-Att tal-2021 dwar

huma inqas dettaljati mir-regoli attwali għall-Ministri. Il-Gvern Malti (2026a), kontribut addizzjonali bil-miktub.

⁹⁸ L-Abbozz ta' emendi għall-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati, u l-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari. L-Ordni tal-2026 li Jemenda l-Iskedi tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Il-Gvern enfasisza li l-bidliet fil-Kodiċi tal-Etika għall-MP jistabbilixxu wkoll standards etiċi ogħla u jestendu l-obbligi relatati mad-divulgazzjoni tal-kunflitti ta' interess għad-dmirijiet parlamentari kollha, inklużi l-mistoqsijiet u l-kumitati parlamentari. Il-Gvern Malti (2026a), kontribut addizzjonali bil-miktub.

⁹⁹ Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika (2026), kontribut bil-miktub, p. 14. Żjara tal-pajjiż f'Malta, il-Kamra tal-Kummerċ, Repubblika, il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

¹⁰⁰ Il-Gvern Malti (2026a), kontribut addizzjonali bil-miktub.

¹⁰¹ Il-Kumitat Parlamentari għall-Istandards sa issa ma rnexxilux jistabbilixxi rekord biex jissanzjona l-ksur tal-integrità. OECD (2022), pp. 31-41. Ir-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt, Malta, p. 9.

¹⁰² L-OECD (2023) u l-GRECO (2025) irrakkomandaw b'mod partikolari li jissaħħaħ ir-rwol ta' sorveljanza u infurzar tal-Kummissarju għall-Istandards, li jiġi rregolat il-lobbjar, u li r-regoli eżistenti jiġu applikati bis-siħ għall-persuni ta' fiduċja.

¹⁰³ Il-Gvern Malti (2026), kontribut bil-miktub, p. 38. Il-valutazzjoni relatata mas-suġġett tal-Istadju Importanti 6.14 fir-rapport dwar l-Istat tad-Dritt ma tippreġudikax il-valutazzjoni tat-twertiq tal-miżuri fil-qafas tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza ta' Malta.

¹⁰⁴ FI-2025, ġew ippreżentati żewġ rapporti permezz ta' kanali interni u 18 permezz ta' kanali esterni (għall-każijiet kollha, mhux dawk relatati mal-korruzzjoni biss). Żjara tal-pajjiż f'Malta, il-Gvern Malti.

¹⁰⁵ Żjara tal-pajjiż f'Malta, il-Gvern Malti, PCAC. OSKE (2025), p. 17. Repubblika (2026), kontribut bil-miktub, p. 31.

¹⁰⁶ PCAC (2026), kontribut bil-miktub, p. 6. Żjara tal-pajjiż f'Malta, il-Gvern Malti.

¹⁰⁷ Repubblika (2026), kontribut bil-miktub, pp. 31-32. OSKE (2025), p. 17.

¹⁰⁸ GRECO (2025), p. 22.

il-Protezzjoni tal-Informaturi, kif irrakkomandat mill-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fl-2024¹⁰⁹.

Malta adottat emendi leġiżlattivi dwar l-għoti taċ-ċittadinanza, wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE. Wara li l-Qorti tal-Ġustizzja sabet li l-iskema Maltija taċ-ċittadinanza b'investiment kienet inkompatibbli mad-dritt tal-UE dwar iċ-ċittadinanza u l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali¹¹⁰, Malta adottat bosta emendi leġiżlattivi dwar l-għoti taċ-ċittadinanza¹¹¹.

Ir-riżorsi għall-istituzzjonijiet tal-awditjar żdiedu aktar u l-uffiċjali inkarigati mill-offerti issa huma meħtieġa jiddikjaraw kull kunflitt ta' interess, filwaqt li għad trid tittieħed azzjoni biex tiġi mmitigata b'mod effettiv il-korruzzjoni f'setturi b'riskju għoli bħall-akkwist pubbliku. L-attitudnijiet tan-negozji lejn il-korruzzjoni fl-UE juru li 49 % tal-kumpaniji f'Malta (il-medja fl-UE hija ta' 30 %) jaħsbu li l-korruzzjoni fil-prattika żammithom milli jirbħu offerta pubblika jew kuntratt ta' akkwist pubbliku f'dawn l-aħħar tliet snin¹¹². 41 % tan-negozji jipperċepixxu l-livell ta' indipendenza tal-korp ta' reviżjoni tal-akkwist pubbliku (il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi) bħala tajjeb ħafna jew pjuttost tajjeb¹¹³. It-tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku u tal-Kompetittività dwar l-aċċess għall-akkwist pubbliku f'Malta tirrapporta 19 % tal-offerti uniċi għall-2025 (il-medja tal-UE 27 %). L-akkwist pubbliku, b'mod partikolari fis-settur tal-kostruzzjoni, għadu f'riskju għoli ta' korruzzjoni. Mill-2025 'l hawn, l-uffiċjali li jabbozzaw dokumenti tal-akkwist huma meħtieġa jiddikjaraw kwalunkwe kunflitt ta' interess¹¹⁴. Ir-riżorsi tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika u tad-Dipartiment tal-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet tal-Gvern komplew jżdiedu¹¹⁵. Filwaqt li l-Gvern ma jipprevedi li jieħu l-ebda miżura mmirata¹¹⁶, il-partijiet ikkonċernati jkomplu jitolbu bidliet strutturali, b'mod partikolari aktar trasparenza tad-data dwar l-akkwist, rieżami indipendenti tal-kuntratti, proċeduri operattivi standard kif ukoll mekkaniżmi effettivi ta' sorveljanza¹¹⁷. Settur ieħor f'riskju għoli ta' korruzzjoni huwa l-ippjanar urban u spazjali¹¹⁸. Skont xi partijiet ikkonċernati, ir-riskji ta' korruzzjoni f'dan is-settur jistgħu jiġu aggravati mir-riformi proposti tal-ippjanar tal-iżvilupp¹¹⁹.

¹⁰⁹ Ir-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt, Malta, p. 9.

¹¹⁰ Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, is-sentenza tad-29 ta' April 2025 *Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika ta' Malta (Ċittadinanza b'investiment)*, il-kawża C-181/23.

¹¹¹ L-Att sabiex jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, (l-Att XXI tal-2025), u r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali, kif ukoll l-Avvizi Legali 159 u 276 tal-2025 u l-Avvizi Legali 58, 59 u 60 tal-2026.

¹¹² Ewrobarometru Flash 582 dwar l-attitudnijiet tan-negozji lejn il-korruzzjoni fl-UE (2026). Dan huwa 19-il punt perċentwali oġġla mill-medja tal-UE.

¹¹³ L-Illustrazzjoni 59, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2026.

¹¹⁴ Il-Gvern Malti (2026), kontribut bil-miktub, p. 38. Il-Gvern enfasizza li l-membri tal-kumitati tal-evalwazzjoni tal-offerti jibqgħu marbutin b'dikjarazzjoni ta' imparzjalità u kunfidenzjalità. Il-Gvern Malti (2026a), kontribut addizzjonali bil-miktub.

¹¹⁵ Il-baġit tal-NAO żdied minn EUR 4 000 000 fl-2024 għal EUR 5 950 000 fl-2025; Il-baġit tal-IAID żdied minn EUR 2 559 700 għal EUR 3 215 900 fl-2025. Il-Gvern Malti (2026), kontribut bil-miktub, p. 35.

¹¹⁶ Żjara tal-pajjiż f'Malta, il-Gvern Malti.

¹¹⁷ Il-Kamra tal-Kummerċ (2026), kontribut bil-miktub, p. 19. Repubblika (2026), kontribut bil-miktub, p. 33. Ir-rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt, Malta, p. 10, innota każijiet ta' evitar tar-regolamenti dwar l-akkwist pubbliku.

¹¹⁸ Il-Kamra tal-Kummerċ (2026), kontribut bil-miktub, p. 7. Repubblika (2026), kontribut bil-miktub, p. 33. Żjara tal-pajjiż f'Malta, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

¹¹⁹ L-Abbozzi 143 u 144, ara pp. 6-7. Il-Kamra tad-Deputati (2025a, 2025b). Skont il-partijiet ikkonċernati, ir-riformi jkomplu jespandu d-diskrezzjoni amministrattiva u jnaqqsu s-sorveljanza ġudizzjarja, filwaqt li jżidu r-riskju ta' influwenza indebita fuq id-deċiżjonijiet tal-ippjanar. Repubblika (2026), kontribut bil-

III. PLURALIŻMU TAL-MEDIA U LIBERTÀ TAL-MEDIA

Ġiet adottata leġislazzjoni li tipprovdli lir-regolatur tal-media b'kompetenzi ġodda. Bil-ħsieb ta' allinjament mal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media, f'Awgust 2025, il-Gvern adotta l-Avviż Legali 175¹²⁰. Il-leġislazzjoni tagħti responsabbiltajiet ġodda lill-Awtorità tax-Xandir, lir-regolatur tal-media ta' Malta, inkluż l-iskrutinju tal-fużjonijiet fis-suq tal-media u rwol ta' monitoraġġ imsaħħaħ fuq il-media tas-servizz pubbliku. Il-leġislazzjoni tistabbilixxi wkoll Uffiċċju għar-Reklamar u l-Media separat li, fost kompiti oħrajn, se jiżgura li l-awtoritajiet jew l-entitajiet pubbliċi rilevanti jagħmlu informazzjoni dwar in-nefqa fuq ir-reklamar mill-Istat disponibbli għalih fuq bażi annwali. Hija tinkariga wkoll lir-Reġistratur tal-Media, entità stabbilita skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, bl-iżvilupp ta' bażi tad-data nazzjonali dwar is-sjieda tal-media. Sakemm issir l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmijin hawn fuq, l-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media (MPM) 2026 tikkonkludi riskju medju-baxx fir-rigward tal-indipendenza tar-regolatur tal-media¹²¹, riskju medju-għoli fir-rigward tal-allokazzjoni trasparenti tar-reklamar mill-Istat¹²² u riskju għoli ħafna fil-qasam tat-trasparenza tas-sjieda tal-media¹²³.

Ġiet ippromulgata leġislazzjoni biex jissaħħu ċerti aspetti tal-governanza indipendenti tal-media tas-servizz pubbliku, filwaqt li jippersistu diversi sfidi¹²⁴. Ir-rapport finali tal-Kumitat tal-Esperti dwar is-Settur tal-Midja kien irrakkomanda t-twaqqif ta' kumitat *ad hoc* biex jipproponi miżuri li jiżguraw l-oġġettività, l-indipendenza, l-imparzjalità, u r-responsabbiltà tax-xandir pubbliku¹²⁵. Il-Gvern introduċa dispożizzjonijiet biex jirregola direttament il-kwistjoni permezz tal-Avviż Legali 175¹²⁶ bil-ħsieb li jkun hemm allinjament mal-EMFA, inklużi salvagwardji relatati mal-proċeduri tal-ħatra u tas-sensja tal-uffiċjal kap eżekuttiv tal-fornitur tal-media tas-servizz pubbliku u s-sensja tal-membri tal-bord maniġerjali. Il-proċeduri għall-ħatra tal-membri tal-bord maniġerjali u l-finanżjament tal-media tas-servizz pubbliku għadhom mhumieħ irregolati. Barra minn hekk, ma ġewx stabbiliti salvagwardji biex tiġi żgurata l-indipendenza editorjali¹²⁷. L-MPM tkompli tqis l-indipendenza tal-media tas-servizz pubbliku bħala qasam li jippreżenta riskju għoli ħafna f'Malta — li terġa' tikkonferma, filwaqt li tenfasizza l-ħatriet politiċi, il-kwistjonijiet ta' finanżjament u nfiq u n-nuqqas tax-xandar li jkopri diversi kwistjonijiet ta' interess pubbliku wiesa' ¹²⁸. Għalhekk, peress li l-leġislazzjoni indirizzat xi aspetti iżda għad hemm diversi sfidi, sar xi progress fuq ir-rakkomandazzjoni biex jissaħħu l-governanza indipendenti u l-indipendenza editorjali tal-media tas-servizz pubbliku.

miktub, p. 33. Moviment Graffiti (2026). L-abbozzi ta' liġijiet 143 u 144 skadew wara x-xoljiment tal-Parlament f'April 2026.

¹²⁰ L-Ordni dwar l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (Miżuri għall-Implimentazzjoni) (l-Avviż Legali 175 tal-2025), li fost l-oħrajn jemenda l-Att dwar ix-Xandir (Kap. 350), u l-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579). In-natura legali tal-avviżi legali hija spjegata fin-nota 150 f'qiegħ il-paġna.

¹²¹ L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media (2026), pp. 21-24.

¹²² L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media (2026), pp. 41-42.

¹²³ L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media (2026), pp. 26-27.

¹²⁴ Ir-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt irrakkomanda li Malta “ssaħħaħ ir-regoli u l-mekkaniżmi sabiex ittejjeb il-governanza indipendenti u l-indipendenza editorjali tal-media tas-servizz pubbliku filwaqt li jitqiesu l-istandards Ewropej dwar il-media tas-servizz pubbliku.” Preċedentement, ma kien ġie kkalkulat l-ebda progress fuq din ir-rakkomandazzjoni fl-2025, l-2024 u l-2023.

¹²⁵ Il-Kumitat tal-Esperti dwar is-Settur tal-Midja stabbilit mill-gvern ippreżenta r-rapport finali tiegħu fl-24 ta' Lulju 2023. Ir-rapport finali fih rakkomandazzjoni speċifika fir-rigward tax-xandir tas-servizz pubbliku.

¹²⁶ L-Artikoli 11-13 tal-Avviż Legali 175 tal-2025.

¹²⁷ Il-partijiet ikkonċernati indikaw li l-kap tal-aħbarijiet tas-Servizzi tax-Xandir Pubbliku għandu rwol ewlieni f'dan ir-rigward. Żjara tal-pajjiż f'Malta, Repubblika.

¹²⁸ L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media (2026), pp. 42-44.

Sar progress limitat fir-rigward tar-rakkomandazzjoni li jiġu adottati salvagwardji biex jittejjeb l-aċċess għad-dokumenti uffiċjali fid-dawl tad-dħul fis-seħħ ta' sistema ta' ġestjoni online¹²⁹. Sistema integrata ta' ġestjoni elettronika, imfassla biex ittejjeb l-ipproċessar, l-aċċessibbiltà u t-trasparenza tat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti, bdiets topera f'Awwissu 2025¹³⁰. Il-Kummissarju għall-Infurmazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data kkonferma li, wara r-riżoluzzjoni tal-problemi tekniċi inizjali tal-interfaċċa enfasizzati wkoll mill-partijiet ikkonċernati¹³¹, is-sistema tippreżenta vantaġġi għall-utenti f'termini ta' segwitu aktar ċar għat-talbiet kif ukoll għal finijiet ta' monitoraġġ¹³². Madankollu, għad ma hemm l-ebda pjan biex jiġu adottati salvagwardji biex jittejjeb ulterjorment l-aċċess għad-dokumenti jew permezz ta' rieżami tal-Att dwar il-Libertà tal-Infurmazzjoni jew permezz ta' rieżami tal-implimentazzjoni tiegħu fil-prattika. Is-soċjetà ċivili u l-ġurnalisti għadhom jirrapportaw li qed iħabbtu wiċċhom ma' bosta ostakli fl-aċċess għall-infurmazzjoni pubblika¹³³. Fid-dawl ta' dawn l-isfidi li fadal u n-nuqqas persistenti ta' trasparenza u t-tentattivi li għaddejjin biex tkompli titnaqqas it-trasparenza, l-MPM żied il-punteġġ tar-riskju tiegħu għal dan il-qasam minn riskju għoli għal riskju għoli ħafna¹³⁴. Kumplessivament, sar progress limitat fuq din il-parti tar-rakkomandazzjoni.

Filwaqt li ġew introdotti ċerti salvagwardji, kien hemm progress limitat fl-adozzjoni ta' salvagwardji leġislattivi u salvagwardji oħrajn biex jittejjeb l-ambjent tax-xogħol tal-ġurnalisti, peress li riformi leġislattivi usa' għadhom pendenti¹³⁵. Fl-2025 ma ġiet rrapportata l-ebda kawża strateġika ġdida kontra l-partiċipazzjoni pubblika (SLAPP)¹³⁶, għalkemm il-partijiet ikkonċernati għadhom jindikaw it-theddida ta' SLAPPs għall-ġurnalisti¹³⁷. Preċedentement, Malta adottat leġislazzjoni li bl-għan li tittrasponi d-Direttiva kontra s-SLAPP, li tkopri kawżi transfruntieri¹³⁸. Il-Gvern kien ħabbar li kien se jeżamina l-possibbiltà li jestendi l-protezzjoni kontra s-SLAPPs anke għall-kawżi domestiċi¹³⁹, iżda dan ma avvanzax sa tmiem il-leġiżlatura¹⁴⁰. Wara dewmien twil¹⁴¹, saret konsultazzjoni pubblika dwar ir-riforma tal-media bejn Awwissu u Ottubru 2025¹⁴². Abbażi tagħha, f'Marzu 2026, il-Gvern reġa' ressaq fl-aġenda tal-Parlament għadd ta' abbozzi ta' liġi, li madankollu ma ġewx

¹²⁹ Ir-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt irrakkomanda li Malta “[t]adotta salvagwardji leġislattivi u salvagwardji oħrajn ulterjuri sabiex ittejjeb [...] fir-rigward tal-aċċess għal dokumenti uffiċjali, filwaqt li tqis l-istandards Ewropej [...] dwar l-aċċess għal dokumenti uffiċjali.” Preċedentement, kien ġie vvalutat progress limitat fuq din ir-rakkomandazzjoni fl-2025, u ma ġie vvalutat l-ebda progress fl-2024 u l-2023.

¹³⁰ <https://foi.gov.mt>. Il-Gvern Malti (2026), kontribut bil-miktub, p. 47.

¹³¹ Żjara tal-pajjiż f'Malta, Daphne Foundation.

¹³² Żjara tal-pajjiż f'Malta, il-Kummissarju għall-Infurmazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data.

¹³³ Aditus u Daphne Foundation (2026), Repubblika (2026), kontribut bil-miktub, p. 42-44 u p. 42 rispettivament.

¹³⁴ L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media (2026), pp. 17-18.

¹³⁵ Ir-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt irrakkomanda li Malta “[t]adotta salvagwardji leġislattivi u salvagwardji oħrajn ulterjuri sabiex ittejjeb l-ambjent tax-xogħol tal-ġurnalisti [...], filwaqt li tqis l-istandards Ewropej dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti”. Preċedentement, ma kien ġie kkalkulat l-ebda progress fuq din fl-2025, u ġie kkalkulat xi progress fl-2024 u l-2023.

¹³⁶ Żjara tal-pajjiż f'Malta, l-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati.

¹³⁷ Civil Society Europe (2026), kontribut bil-miktub, p. 8. Civil Liberties (2026), pp. 533, 568, 570–571.

¹³⁸ L-Ordni dwar il-Kawżi Strateġiċi Kontra l-Partiċipazzjoni Pubblika (Leġislazzjoni Sussidjarja 460.40) li daħlet fis-seħħ fil-31 ta' Lulju 2024 bis-saħħa tal-Avviż Legali 177 tal-2024.

¹³⁹ Il-Ministeru għall-Ġustizzja (2023) kien iddikjara li l-Gvern “qed jeżamina l-possibbiltà li jestendi l-protezzjoni għal kawżi li jkunu esklussivament ta' natura domestika,” bl-għan li jsaħħu s-salvagwardji.

¹⁴⁰ Civil Liberties (2026), pp. 56-57, 570, 574.

¹⁴¹ Ir-rapporti tal-2025, l-2024 u l-2023 dwar l-Istat tad-Dritt dwar Malta.

¹⁴² Il-partijiet ikkonċernati ġew mistiedna jippreżentaw il-kontributi tagħhom bil-miktub, iżda ma kien possibbli l-ebda proċess li jippermetti diskussjoni jew feedback. Il-gvern ikkonferma li d-deliberazzjonijiet ibbażati fuq il-kontribut tal-partijiet ikkonċernati mhux se jiġu ppubblikati. Żjara tal-pajjiż f'Malta, Repubblika, Daphne Foundation, u l-Gvern Malti.

diskussi sa tmiem il-legiżlatura¹⁴³. Sadanittant, l-Avviż Legali 175 introduċa ċerti salvagwardji għall-ġurnalisti fir-rigward tal-protezzjoni tas-sorsi u l-komunikazzjonijiet kunfidenzjali, protezzjoni kontra s-sorveljanza u projbizzjoni fuq software ta' sorveljanza intrużiv¹⁴⁴. L-MPM 2026 tqis li dan huwa qasam li għadu jippreżenta riskju medju-għoli fid-dawl, fost l-oħrajn, tan-nuqqas tal-Gvern li jimplementa r-rakkomandazzjonijiet proposti mir-rapport tal-inkjesta pubblika Caruana Galizia u l-vilifikazzjoni kontinwa tal-ġurnalista wara mewtha¹⁴⁵. Sal-lum ma hemm l-ebda kundanna għall-moħħ preżunt fil-każ tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia¹⁴⁶. Il-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-promozzjoni tal-ġurnaliżmu u s-sikurezza tal-ġurnalisti ma rrapportat l-ebda allert ġdid¹⁴⁷. Il-mekkaniżmu ta' Rispons Rapidu għal-Libertà tal-Media rreġistra ħames allerti ġodda, inkluża kawża ta' malafama, retorika ostili kontra ġurnalist minn uffiċjali pubbliċi, u theddid kontra ġurnalist¹⁴⁸. Kumplessivament, sar progress limitat fuq din il-parti tar-rakkomandazzjoni.

IV. KWISTJONIJET ISTITUZZJONALI OĦRAJN RELATATI MAS-SISTEMA TA' KONTROKONTROLLI

Sar progress limitat fuq ir-rakkomandazzjoni biex jiġi introdott qafas formali għall-parteċipazzjoni pubblika fil-proċess legiżlattiv¹⁴⁹. Il-biċċa l-kbira tal-leġiżlazzjonijiet jiġu adottati mill-Gvern permezz ta' avviżi legali¹⁵⁰. L-ebda avviż legali ma ġie emendat mill-Parlament matul il-leġiżlatura 2022–2026¹⁵¹. Bidliet leġiżlattivi frekwenti u miżuri eżekuttivi *ad hoc* ikomplu jisfidaw l-istabbiltà u l-prevedibbiltà legali, li jistgħu jaffettwaw l-ambjent tan-negozju¹⁵². L-OECD stiednet lil Malta titlob il-kontribut pubbliku sistematikament qabel ma jiġu abbozzati r-regoli u biex tuża l-evalwazzjonijiet *ex post*¹⁵³. Tressqu bosta abbozzi ta' liġijiet mill-Gvern li mbagħad tressqu malajr għall-votazzjoni fil-Parlament mingħajr kontribut pubbliku¹⁵⁴; xi wħud ġew irrikkunsidrati minħabba kritika pubblika wara li tressqu fuq il-mejda tal-Parlament mingħajr konsultazzjoni minn qabel¹⁵⁵. Filwaqt li ma kien hemm l-ebda żvilupp leġiżlattiv biex tiġi fformalizzata l-parteċipazzjoni pubblika fil-proċess

¹⁴³ L-Abbozzi ta' Liġijiet 17, 18 u 19, oriġinarjament imressqa fl-2022, reġġu ddaħħlu fl-aġenda tal-Parlament f'Marzu 2026. Dawn skadew max-xoljiment tal-Parlament fid-dawl tal-elezzjonijiet bikrin lejn l-aħħar ta' Mejju 2026.

¹⁴⁴ L-Artikoli 7-10 tal-Avviż Legali 175 tal-2025.

¹⁴⁵ L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media (2026), pp. 19-21.

¹⁴⁶ Il-ġuri tal-persuna akkużata li ordnat il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia beda f'Lulju 2026. Fl-2021, l-2022 u l-2025 ħames individwi ġew ikkundannati talli wettqu l-qtil.

¹⁴⁷ Il-Kunsill tal-Ewropa, Pjattaforma għall-promozzjoni tal-protezzjoni tal-ġurnaliżmu u s-sikurezza tal-ġurnalisti, disponibbli [hawnhekk](#).

¹⁴⁸ Ċentru Ewropew għal-Libertà tal-Istampa u tal-Media, Media Freedom Rapid Response – Malta, disponibbli [hawnhekk](#).

¹⁴⁹ Ir-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt irrakkomanda li Malta "[t]introduċi qafas għall-parteċipazzjoni pubblika fil-proċess leġiżlattiv." Preċedentement, kien ġie kkalkulat progress limitat fuq din ir-rakkomandazzjoni fl-2025 u xi progress fl-2024.

¹⁵⁰ L-avviżi legali huma leġiżlazzjoni sussidjarja b'saħħa ta' liġi, maħruġa mill-Gvern, biex joperaw Att tal-Parlament eżistenti. Huma jistgħu jiġu emendati mill-Parlament fi żmien 28 jum. Il-Parlament adotta 42 att fl-2025 (41 fl-2025) filwaqt li l-Gvern ressaq 307 avviżi legali fuq il-mejda tal-Kamra (379 fl-2024). Il-Parlament ta' Malta (2026); Legislation.mt (2026).

¹⁵¹ Żjara tal-pajjiż f'Malta, is-segretarjat tal-Parlament.

¹⁵² Il-Kamra tal-Kummerċ (2026), kontribut bil-miktub, p. 26.

¹⁵³ OECD Indicators of Regulatory Policy and Governance (iREG), data tal-2024. OECD (2025), pp. 166-167.

¹⁵⁴ Dawn kienu jinkludu r-riforma tal-inkjesti maġisterjali u l-pakkett tar-riforma kostituzzjonali tal-2025. Aditus u Daphne Foundation (2026), kontribut bil-miktub, p. 48. Aditus Foundation (2025); Aditus Foundation, Daphne Caruana Galizia Foundation, Repubblika (2025); Il-Kamra tal-Kummerċ (2025).

¹⁵⁵ Dawn kienu jinkludu abbozzi ta' liġijiet dwar ir-riformi tal-ippjanar u dwar il-protezzjoni tal-art agrikola. Il-Kamra tal-Avukati (2025b; 2025c). Dawn l-abbozzi ta' liġi skadew max-xoljiment tal-Parlament fid-dawl tal-elezzjonijiet bikrin f'Mejju 2026.

leġiżlattiv, f'Ottubru 2025 il-Gvern stabbilixxa Dipartiment tal-Konsultazzjoni Pubblika, bl-għan li jiżgura li l-perspettivi tal-pubbliku jiġu inkorporati minn kmieni, u li jimmonitorja l-konformità istituzzjonali mal-proċeduri u l-istandards għall-konsultazzjonijiet¹⁵⁶. Il-partijiet ikkonċernati nnutaw li d-Dipartiment il-ġdid għad irid itejjeb b'mod konkret il-proċeduri għall-parteċipazzjoni pubblika fil-proċess leġiżlattiv¹⁵⁷. Kumplessivament, sar progress limitat fuq din ir-rakkomandazzjoni.

Għadu ma sar l-ebda progress dwar ir-rakkomandazzjoni biex tiġi stabbilita Istituzzjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem (NHRI) li tqis il-Prinċipji ta' Pariġi tan-NU.¹⁵⁸ Il-Gvern qed iħejji Abbozz ta' Liġi dwar Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza, bl-għan li jistabbilixxi korp b'mandat doppju li jqis il-Prinċipji ta' Pariġi tan-NU¹⁵⁹. L-abbozz ta' liġi għadu ma ġiex ippubblikat għall-konsultazzjoni jew imressaq fil-Parlament. Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, għadu ma sar l-ebda progress biex tiġi implimentata r-rakkomandazzjoni.

Fl-1 ta' Jannar 2026, Malta kellha 15-il sentenza ewlenija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-implimentazzjoni tagħhom kienet għadha pendenti, żieda ta' 1 meta mqabbla mas-sena ta' qabel¹⁶⁰. Sa dakinhar, ir-rata ta' sentenzi ewlenin ta' Malta mill-aħħar 10 snin li kienu ġew implimentati kienet ta' 45 % (43 % fl-2025; 55 % għadhom pendenti). Fl-2025, iż-żmien medju li s-sentenzi kienu ilhom pendenti għall-implimentazzjoni kien ta' 7 snin u xahar (meta mqabbel ma' 6 snin u 6 xhur fl-2025)¹⁶¹. L-eqdem sentenza ewlenija ilha pendenti għall-implimentazzjoni 19-il sena u tikkonċerna restrizzjonijiet sproporzjonati għad-drittijiet tal-proprjetà¹⁶². Fir-rigward tar-rispett tal-iskadenzi għall-pagamenti, fil-31 ta' Diċembru 2025 kien hemm żewġ każijiet li kienu qed jistennaw il-konferma tal-pagamenti (meta mqabbla ma' wieħed sa tmiem l-2024)¹⁶³. Sa dakinhar ukoll, l-għadd ta' sentenzi ewlenin bl-implimentazzjoni pendenti kien naqas għal 14¹⁶⁴.

Aktar minn żewġ terzi tal-kumpaniji mistħarrġa f'Malta jesprimu fiduċja fl-effettività tal-protezzjoni tal-investment. 68 % tal-kumpaniji huma kunfidenti ħafna jew pjuttost kunfidenti li l-investimenti huma protetti mil-liġi u mill-qrati, ċifra li naqset b'mod sinifikanti

¹⁵⁶ Il-Gvern Malti (2026), kontribut bil-miktub, p. 9. Żjara tal-pajjiż f'Malta, il-Gvern Malti, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza.

¹⁵⁷ Il-Gvern irrapporta 65 konsultazzjoni pubblika online fl-2025, li minnhom 21 kienu leġiżlattivi. Il-partijiet ikkonċernati nnutaw li l-konsultazzjonijiet pubbliki mill-ministeri dwar l-abbozzi tal-liġijiet għadhom okkażjonali u diskrezzjonali, limitati fil-kamp ta' applikazzjoni u b'impatt mhux ċar tal-kontribuzzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati, filwaqt li l-proċeduri leġiżlattivi rapidi ma jippermettux l-oportunità li jsir intervent fid-dibattiti parlamentari. Żjara tal-pajjiż f'Malta, il-Gvern Malti. Aditus u Daphne Foundation (2026), kontribut bil-miktub, p. 48. Repubblika (2026), kontribut bil-miktub, p. 58.

¹⁵⁸ Ir-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt irrakkomanda li Malta "[t]mexxi 'l quddiem miżuri biex tistabbilixxi Istituzzjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem filwaqt li tqis il-Prinċipji ta' Pariġi tan-NU." Preċedentement, ma kien ġie kkalkulat l-ebda progress fuq din ir-rakkomandazzjoni fl-2025, l-2024 u l-2023.

¹⁵⁹ Il-Gvern Malti (2026), kontribut bil-miktub, p. 9. Żjara tal-pajjiż f'Malta, il-Gvern Malti.

¹⁶⁰ Id-data skont il-[bażi tad-data online](#) tal-Kunsill tal-Ewropa (HUDOC). Għal spjegazzjoni tal-proċess ta' superviżjoni, ara s-[sit web](#) tal-Kunsill tal-Ewropa.

¹⁶¹ Iċ-ċifri kollha huma kkalkulati min-*Network Ewropew għall-Implimentazzjoni* (European Implementation Network - EIN) u huma bbażati fuq l-għadd ta' każijiet li jitqiesu pendenti fid-data limitu annwali tal-1 ta' Jannar 2026. EIN (2026), kontribut bil-miktub, pp. 6-7.

¹⁶² Is-sentenza tal-QEDB fil-kawża 31122/05, *Ghigo v. Malta*, li ilha bl-implimentazzjoni pendenti minn Diċembru 2006.

¹⁶³ Il-Kunsill tal-Ewropa (2026) p. 157.

¹⁶⁴ Id-data skont il-[bażi tad-data online](#) tal-Kunsill tal-Ewropa (HUDOC).

(77 % fl-2025)¹⁶⁵. Fir-rigward tal-awtoritajiet rilevanti għall-operaturi ekonomiċi, 58 % jipperċepixxu l-livell ta' indipendenza tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur bħala tajjeb ħafna jew pjuttost tajjeb, ċifra li naqset b'mod sinifikanti (82 % fl-2025)¹⁶⁶.

Għad irid jiġi stabbilit qafas regolatorju għas-soċjetà ċivili. L-ispazju ċiviku f'Malta għadu jiġi vvalutat minn Civicus bħala “ristrett”¹⁶⁷. Il-Gvern għad irid iressaq abbozz ta' liġi li tistabbilixxi qafas regolatorju għas-soċjetà ċivili, wara l-konsultazzjoni pubblika mmexxija mill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji fl-2024¹⁶⁸. L-Att previst dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji u l-Organizzazzjonijiet Mingħajr Skop ta' Qligħ ikollu l-għan li jsaħħaħ ir-rikonoxximent legali tas-settur u jnaqqas il-piżijiet amministrattivi u burokratiċi¹⁶⁹. F'Diċembru 2025, il-Gvern adotta strateġija ta' volontarjat 2025-2030¹⁷⁰, bl-għan li jenfasizza r-riżorsi meħtieġa filwaqt li jrawwem il-parteċipazzjoni, l-involviment u l-kollaborazzjoni. Il-partijiet ikkonċernati jqisu li l-istrateġija l-ġdida għad trid twassal għal titjib konkret¹⁷¹. Ir-rapport tal-ODIHR tal-2025 dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'Malta ma wassalx għal aktar inizjattivi mill-Gvern biex isegwi r-rakkomandazzjonijiet tiegħu¹⁷². Xi partijiet ikkonċernati qajmu tħassib dwar dikjarazzjonijiet minn atturi politiċi li jista' jkollhom l-effett li jimminaw il-fiduċja pubblika fl-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili¹⁷³.

¹⁶⁵ L-Illustrazzjonijiet 52 u 53, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2026. Mill-investituri mistħarrġa, 9 % u 3 % biss jipperċepixxu rispettivament (i) tħassib dwar il-kwalità, l-effiċjenza jew l-indipendenza tal-ġustizzja u bidliet frekwenti fil-leġiżlazzjoni jew (ii) tħassib dwar il-kwalità tal-proċess tat-tfassil tal-liġijiet bħala raġuni għan-nuqqas ta' fiduċja fil-protezzjoni tal-investment.

¹⁶⁶ L-Illustrazzjoni 60, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2026.

¹⁶⁷ Il-punteġġ ta' Malta huwa ta' 78/100. Ara <https://monitor.civicus.org/country/malta/>. Il-klassifikazzjonijiet skont Civicus (2025) qegħdin fuq skala ta' ħames kategoriji ddefiniti bħala: miftuħ, dejjaq, ostakolat, imrażżan u magħluq.

¹⁶⁸ Żjara tal-pajjiżi f'Malta, il-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji. Ir-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt, Malta, p. 15.

¹⁶⁹ Żjara tal-pajjiż f'Malta, il-Gvern Malti.

¹⁷⁰ Il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat (2025).

¹⁷¹ Aditus u Daphne Foundation (2026), kontribut bil-miktub, p. 50.

¹⁷² OSKE/ODIHR (2025). Aditus u Daphne Foundation, kontribut bil-miktub, p. 53; Repubblika, kontribut bil-miktub, pp. 28, 42, 77.

¹⁷³ Aditus u Daphne Foundation, kontribut bil-miktub, pp. 42-44. Repubblika, kontribut bil-miktub, pp. 50-53, 78.

Anness I: Lista ta' sorsi f'ordni alfabetika*

* Il-lista tal-kontributi rċevuti fil-kuntest tal-konsultazzjoni għar-Rapport tal-2026 dwar l-Istat tad-Dritt tista' tiġi aċċessata fl-indirizz: https://commission.europa.eu/publications/2026-rule-law-report-targeted-stakeholder-consultation_mt.

Aditus u Daphne Foundation (2026), *Kontribut bil-miktub għar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2026*.

Aditus u Daphne Foundation (2026a), *We call for a quick resolution in the appointment of the Chief Justice and caution against rushed amendments!*, it-2 ta' Marzu 2026, <https://aditus.org.mt/chief-justice-press-statement/>.

Aditus Foundation (2025), *Bill 125 – In Genere Inquests*, 1-24 ta' Frar 2025, <https://aditus.org.mt/bill-125-in-genere-inquests/>.

Aditus Foundation, Daphne Caruana Galizia Foundation, Repubblika (2025), *Bill 134: Rushed Judicial Constitutional Amendments without Consultation*, it-22 ta' Mejju 2025, <https://aditus.org.mt/bill-134-rushed-judicial-constitutional-amendments-without-consultation/>.

Birdlife Malta (2025), *Thousands protest in Valletta against government's controversial planning reform*, 1-4 ta' Ottubru 2025 <https://birdlifemalta.org/2025/10/thousands-protest-in-valletta-against-governments-controversial-planning-reform/>.

CEPEJ (2026), *Study on the functioning of the judicial system in the EU Member States*.

CEPEJ (2025), *Study on the functioning of the judicial system in the EU Member States*, https://commission.europa.eu/document/download/8cdf178c-a54e-4c6f-ae3d-8c05013e5366_en?filename=Part%201%20-%20Data%20tables%20per%20indicator%20for%20all%20EU%20Member%20States.pdf.

Il-Kamra tal-Avukati (2026a), *Stqarrija dwar il-Ħatra għall-Kariga ta' Prim Imhallee tal-Qrati*, il-25 ta' Frar 2026, <https://avukati.org/news/stqarrija-dwar-il-hatra-għall-kariga-ta-prim-imhallee-tal-grati-2/>.

Il-Kamra tal-Avukati (2026b), *Stqarrija dwar il-Ħatra għall-Kariga ta' Prim Imhallee tal-Qrati*, it-30 ta' Jannar 2026, <https://avukati.org/uncategorised/stqarrija-dwar-il-hatra-għall-kariga-ta-prim-imhallee-tal-grati/>.

Il-Kamra tal-Avukati (2026), *Kontribut bil-miktub għar-Rapport tal-2026 dwar l-Istat tad-Dritt permezz tas-CCBE*.

Il-Kamra tal-Avukati (2025a), *Diskors tal-President Peter Fenech fil-ftuħ tas-sena ġudizzjarja*, 1-1 ta' Ottubru 2025.

Il-Kamra tal-Avukati (2025b), *Public Statement on the Protection of Agricultural Leases Regulations*, it-18 ta' Awwissu 2025, <https://avukati.org/news/public-statement-on-the-protection-of-agricultural-land-regulations/>.

Il-Kamra tal-Avukati (2025c), *PA Bills Statement from the Chamber of Advocates*, il-5 ta' Awwissu 2025, <https://avukati.org/news/pa-bills-statement-from-the-chamber-of-advocates/>.

Il-Kamra tal-Kummerċ (2025), *Quest for Truth and Justice*, 1-10 ta' Frar 2025, <https://maltachamber.org.mt/quest-for-truth-and-justice/>.

Il-Prim Imhallee (2025), *Messaġġ fl-okkażjoni tal-ftuħ tas-Sena Forensi*, 1-1 ta' Ottubru 2025, disponibbli [hawnhekk](#).

Civil Liberties Union for Europe (2026), *Liberties Rule of Law Report*, liberties.eu/f/wtaqoq.

Civicus Monitor (2025), *Malta: Large mobilization against planning bills*, is-16 ta' Ottubru 2025, <https://monitor.civicus.org/explore/malta-large-mobilisation-against-planning-bills/>.

Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika (2026a), *Kontribut addizzjonali bil-miktub*, p. 4.

Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika (2026b), *Ittra lill-Prim Ministru – Dikjarazzjonijiet tal-assi tal-ministri għas-sena 2024*, is-6 ta' Jannar 2026 <https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/letter-to-pm-2026-01-06-mt.pdf>.

Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika (2026), *Kontribut bil-miktub għar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2026*.

Il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa (2010), *Recommendation to member states on judges: independence, efficiency and responsibilities*, CM/Rec(2010)12.

Il-Kostituzzjoni ta' Malta, <https://legislation.mt/eli/const/mlt>.

ConstitutionNet (2025), *Maltese Government Advances Narrow Reform While Broader Constitutional Package Collapses*, is-17 ta' Lulju 2025, <https://constitutionnet.org/news/voices/maltese-government-advances-narrow-reform-while-broader-constitutional-package-collapses>.

Il-Kunsill tal-Ewropa (2026), *Supervision of the execution of judgments decisions of the European Court of Human Rights – 19th Annual Report of the Committee of Ministers – 2025*, <https://rm.coe.int/2025-annual-report/48802b1633>.

Il-Kunsill tal-Ewropa (2025), *Marking the successful completion of Malta's Attorney General and State Advocate offices re-organisation*, is-6 ta' Ottubru 2025, https://www.coe.int/en/web/implementation/attorney-general-and-state-advocate-in-malta/-/asset_publisher/viLgZXC0OZhs/content/marking-the-successful-completion-of-malta-s-attorney-general-and-state-advocate-offices-re-organisation.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, is-sentenza tad-29 ta' April 2025 *Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika ta' Malta (Ċittadinanza b'investiment)*, il-kawża C-181/23 <https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2025/3238/oj>.

Daphne Foundation (2025), *Justice at risk: The impact of delayed legal proceedings in wilful homicide cases in Malta*, Ottubru 2025 <https://www.daphne.foundation/documents/reports/justice-at-risk-delayed-court-proceedings-in-malta.pdf>.

Din l-Art Helwa (2025), *Planning for 'modern justice': What does it even mean?*, Malta Today, is-26 ta' Awwissu 2025, https://www.maltatoday.com.mt/comment/opinions/136664/planning_for_modern_justice_what_does_it_even_mean.

Il-Kummissjoni Ewropea (2026), *Rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika, soċjali, tal-impjieg, strutturali u baġitarja ta' Malta*, COM(2026) 218 final.

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, is-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2024, *J.B. and Others v. Malta*, il-kawża 1766/23.

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2006, *Ghigo v. Malta*, il-kawża 31122/05.

In-Network Ewropew għall-Implimentazzjoni, (2026), *Input from the European Implementation Network for the 2026 Rule of Law Report*.

Fieldfisher (2025), *Independent review on the transfer of summary cases from the Police to the Attorney General's Office, Executive summary*, Diċembru 2025, <https://justice.gov.mt/wp-content/uploads/2025/12/Executive-Summary-1-for-M6.5-December-2025.pdf>.

GRECO (2025), *Fifth evaluation round, addendum to the second compliance report, Malta*, <https://rm.coe.int/fifth-evaluation-round-preventing-corruption-and-promoting-integrity-i/4880297b95>.

Il-Kamra tad-Deputati (2026a), *Abbozz Nru 19 – Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti*, <https://www.parlament.mt/mt/14th-leg/bills/bill-019-protection-of-the-media-and-journalists-various-laws-amendment-bill/>.

Il-Kamra tad-Deputati (2026b), *Abbozz Nru 18 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta*, <https://www.parlament.mt/mt/14th-leg/bills/bill-018-constitution-of-malta-amendment-bill/>.

Il-Kamra tad-Deputati (2026c), *Abbozz Nru 17 – Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika*, <https://www.parlament.mt/mt/14th-leg/bills/bill-017-committee-for-the-recommendation-of-measures-for-the-protection-of-journalistspdf/>.

Il-Kamra tad-Deputati (2025a), *Abbozz Nru 144 –*

Abbozz ta' Liġi dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, <https://parlament.mt/14th-leg/bills/bill-144-environment-and-planning-review-tribunal/>.

Il-Kamra tad-Deputati (2025b), *Abbozz Nru 143 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp*, <https://www.parlament.mt/mt/14th-leg/bills/bill-143-development-planning/>.

Il-Kamra tad-Deputati (2025c), *Abbozz Nru 134 – Att sabiex jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta*, <https://parlament.mt/media/134013/bill-134-constitution-of-malta-amendment-bill.pdf>.

FMI (2026), *Malta 2025 Article IV consultation—press release and staff report*, Frar 2026, <https://www.imf.org/-/media/files/publications/cr/2026/english/1mltea2026001-source-pdf.pdf>.

Kevin Aquilina (2025a), *The rule of law and government's planning bills*, *The Malta Independent on Sunday*, 1-10 ta' Awwissu 2025, <https://www.independent.com.mt/articles/2025-08-10/blogs-opinions/The-rule-of-law-and-government-s-planning-bills-6736272249>.

Kevin Aquilina (2025b) *Government's legalised rape of Malta's environment*, *The Malta Independent on Sunday*, it-3 ta' Awwissu 2025, <https://www.independent.com.mt/articles/2025-08-03/blogs-opinions/Government-s-legalised-rape-of-Malta-s-environment-6736272086>.

Legislation.mt (2026), *Avviżi Legali*, <https://legislation.mt/LegalNotices>.

Il-Kamra tal-Kummerċ ta' Malta (2026), *Kontribut bil-miktub għar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2026*.

Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta (2025), *Safer Communities, Smarter Policing – Malta Police Corporate Strategy 2025-2030*, <https://pulizija.gov.mt/wp-content/uploads/2025/09/Corporate-Strategy-2025-2030.pdf>.

Il-Gvern ta' Malta (2026), *Kontribut bil-miktub għar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2026*.

L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Midja (2026), għadu ġej.

Il-Ministeru għall-Finanzi (2026), *Baġit 2026*, <https://finance.gov.mt/wp-content/uploads/2026/01/Financial-Estimates-2026.pdf>.

Il-Ministeru għall-Ġustizzja (2025), *Press release: Budget 2026 - Unprecedented investment in our Court system, with more specialisation, modern infrastructure and accessible services*, is-17 ta' Novembru 2025, <https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/Pages/2025/11/17/pr252041en.aspx>.

Il-Ministeru għall-Ġustizzja (2023), *Stqarrija għall-istampa*, 1-20 ta' Diċembru 2023, <https://www.gov.mt/en/Government/Press%20Releases/Pages/2023/12/20/pr231623.aspx>.

Il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat (2025), *Strateġija Nazzjonali tal-Volontarjat 2025-2030*, Diċembru 2025 <https://maltacvs.org/wp-content/uploads/2025/12/FINAL-Strategy-book-MT-version-3-SQUARE.pdf>.

Moviment Graffiti (2026), *Ġustizzja għal Artna: organisations gather in front of Castille demanding genuine planning reform*, it-12 ta' April 2026, <https://movimentgraffitti.org/2026/04/12/gustizzja-għal-artna-organisations-gather-in-front-of-castille-demanding-genuine-planning-reform/>.

OECD, *OECD Indicators of Regulatory Policy and Governance* (iREG).

OECD (2025), *Better Regulation Practices across the European Union 2025*, id-29 ta' Settembru 2025, <https://doi.org/10.1787/6f007516-en>.

OECD (2023), *Public Integrity in Malta. Improving the Integrity and Transparency Framework for Elected and Appointed Officials*, https://www.oecd.org/content/dam/oecd/en/publications/reports/2023/10/public-integrity-in-malta_009f6d5a/0ecc469e-en.pdf.

OECD (2022), *Review of the Standards of Public Life in Malta, recommendations for strengthening the integrity framework for elected and appointed officials*, [https://one.oecd.org/document/GOV/PGC/INT\(2022\)9/FINAL/en/pdf](https://one.oecd.org/document/GOV/PGC/INT(2022)9/FINAL/en/pdf).

OSKE (2025), *The Situation of Human Rights Defenders in Malta: Good Practices and Protection Gaps*. <https://odihr.osce.org/odihr/596929>.

OSKE (2022), *Republic of Malta, Early Parliamentary Elections – ODIHR Election Expert Team. Final report*. <https://odihr.osce.org/sites/default/files/f/documents/8/7/522712.pdf>.

OSKE/ODIHR (2025), *The Situation of Human Rights Defenders in Malta: Assessment Report*, <https://odihr.osce.org/sites/default/files/f/documents/1/b/596929.pdf>.

Il-Parlament ta' Malta (2026), *Atti tal-Parlament L-Erbatax-il Leġislatura (2022 - 2026)*, <https://parlament.mt/mt/14th-leg/acts/>.

Il-President tar-Repubblika (2025), *L-Imħallef irtirat Anthony Abela ħa l-ġurament tal-ħatra bħala l-ewwel Kummissarju għall-Istandards tal-Ġudikatura.*, <https://president.gov.mt/mt/midja/l-imħallef-irtirat-anthony-abela-ha-l-gurament-tal-hatra-bhala-l-ewwel-kummissarju-għall-istandards-tal-gudikatura/>.

Repubblika (2026), *Kontribut bil-miktub għar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2026*.

Repubblika (2026a), *Ethics reform misses the real problem – government must open public consultation*, is-17 ta' Marzu 2026 <https://repubblika.org/press-release/ethics-reform-misses-the-real-problem-government-must-open-public-consultation/>.

Repubblika (2026b), *The Appointment of the Chief Justice Cannot Continue to Depend on Political Calculations*, l-24 ta' Frar 2026, <https://repubblika.org/press-release/the-appointment-of-the-chief-justice-cannot-continue-to-depend-on-political-calculations/>.

Repubblika (2026c), *Judicial involvement in the appointment of the Chief Justice*, it-3 ta' Frar 2026, <https://repubblika.org/press-release/judicial-involvement-in-the-appointment-of-the-chief-justice/>.

Repubblika (2025), *We Urgently Need Party Funding Reform*, is-16 ta' Diċembru 2025 <https://repubblika.org/press-release/we-urgently-need-party-funding-reform/>.

Il-Kummissjoni ta' Venezia (2026), *Malta - Administrative Justice Act (Consolidated version)*, CDL-REF(2026)026-e, <https://www.coe.int/en/web/venice-commission/-/cdl-ref-2026-026-e>

Il-Kummissjoni ta' Venezia (2020a), *Malta - Opinion on ten Acts and bills implementing legislative proposals subject of Opinion CDL-AD(2020)006*, [https://www.venice.coe.int/webforms/documents/?pdf=CDL-AD\(2020\)019-e](https://www.venice.coe.int/webforms/documents/?pdf=CDL-AD(2020)019-e).

Il-Kummissjoni ta' Venezia (2020b), *Malta - Opinion on proposed legislative changes*, [https://www.venice.coe.int/webforms/documents/?pdf=CDL-AD\(2020\)006-e](https://www.venice.coe.int/webforms/documents/?pdf=CDL-AD(2020)006-e).

Il-Kummissjoni ta' Venezja (2018), *Malta - Opinion on Constitutional arrangements and separation of powers and the independence of the judiciary and law enforcement*, [https://www.venice.coe.int/webforms/documents/?pdf=CDL-AD\(2018\)028-e](https://www.venice.coe.int/webforms/documents/?pdf=CDL-AD(2018)028-e).

Anness II: Żjara tal-pajjiż f'Malta

F'Jannar u f'Marzu 2026 is-servizzi tal-Kummissjoni kellhom laqgħat fiżiċi u virtwali ma':

- L-Uffiċċju tal-Prim Ministru
- Il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ
- Il-Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riformi għas-Settur tal-Kostruzzjoni
- Il-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali
- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza
- L-Aġenzija Dwar is-Servizzi tal-Qrati
- Il-Prim Imħallef
- L-Avukat Ġenerali
- L-Avukat tal-Istat
- Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta: Id-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet tar-Reati Finanzjarji
- Id-Dipartiment tal-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet
- Il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni
- Is-Segretarjat tal-Parlament (L-Uffiċċju tal-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati)
- L-Ombudsman Parlamentari
- Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
- L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika
- L-Awtorità tax-Xandir
- Il-Kummissarju għall-Infurmazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data
- Il-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji
- Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza
- Il-Kamra tal-Avukati
- L-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin
- Aditus Foundation
- Daphne Caruana Galizia Foundation
- Repubblika
- Malta Business Bureau
- Il-Kamra tal-Kummerċ ta' Malta

* Il-Kummissjoni Itaqgħet ukoll mal-organizzazzjonijiet li ġejjin f'għadd ta' laqgħat orizzontali:

- Civil Liberties Union for Europe
- Civil Society Europe
- End FGM EU
- European Civic Forum
- European Partnership for Democracy
- Human Rights Watch
- ILGA-Europe
- Il-Federazzjoni Internazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem
- Philea - Philanthropy Europe Association
- Transparency International EU